

REGOLAMENT (UE) Nru 168/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Jannar 2013

dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-Att leġislattiv ingħadda lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Is-suq intern huwa magħmul minn żona mingħajr fruntieri interni li fiha jrid jiġi żgurat il-moviment ħieles tal-prodotti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Għal dak il-għan, ġiet stabbilita sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-KE għal vetturi b'żewġ jew tliet roti mid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bħal dawn. Dawn il-prinċipji għandhom jibqgħu japplikaw għal dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.
- (2) Is-suq intern għandu jkun ibbażat fuq regoli trasparenti, sempliċi u konsistenti li jipprovdu ċertezza u ċarezza legali, liema regoli jistgħu jibbenefikaw minnhom kemm in-negozji kif ukoll il-konsumaturi.
- (3) Bil-għan li l-adozzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tiġi ssimplifikata u aċċellerata, iddaħħal approċċ regolatorju ġdid fil-leġislazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-UE, fejn il-leġislatur fil-proċedura leġislattiva ordinarja jistipula biss ir-regoli u l-prinċipji fundamentali u jiddelega t-tfassil tad-dettalji tekniċi l-oħra lill-Kummissjoni. Fir-rigward tar-rekwiżiti sostantivi, dan ir-Regolament għandu għalhekk jistipula biss

id-dispożizzjonijiet fundamentali dwar is-sikurezza funzjonali u r-rendiment ambjentali, u jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

- (4) Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għal miżuri fil-livell nazzjonali jew f'dak tal-Unjoni rigward l-użu ta' vetturi tal-kategorija L fit-triq, bħal pereżempju r-rekwiżiti għal-liċenzji tas-sewqan speċifiċi, il-limitazzjonijiet tal-veloċità massima jew il-miżuri li jirregolaw l-aċċess għal ċerti toroq.
- (5) Is-sorveljanza tas-suq fis-settur tal-vetturi, u partikolarment is-settur tal-vetturi tal-kategorija L, għandha tittejjeb billi d-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw il-konformità tal-produzzjoni u jispeċifikaw l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista jiġu msaħħa. Partikolarment, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet fl-Istati Membri li jieħdu ħsieb l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq għandhom jiġu ċċarati, u r-rekwiżiti marbuta mal-kompetenza, l-obbligi u r-rendiment tas-servizzi tekniċi li jwettqu testijiet għall-approvazzjonijiet tat-tip tal-vetturi għandhom jiġu msaħħa. Il-konformità mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità tal-produzzjoni tal-leġislazzjoni li tirregola s-settur tal-vetturi għandhom jibqgħu r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, filwaqt li s-sorveljanza tas-suq tista' tkun kompetenza maqsuma bejn awtoritajiet nazzjonali differenti. Għandhom jiġu applikati koordinazzjoni u monitoraġġ effikaċi fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet ta' approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq japplikaw il-miżuri l-ġodda b'mod effikaċi.
- (6) L-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar is-sorveljanza tas-suq huma aktar speċifiċi mid-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ⁽⁴⁾.
- (7) Dan ir-Regolament għandu jkun fih rekwiżiti sostantivi għall-ħarsien tal-ambjent u s-sikurezza funzjonali tal-vettura. L-elementi ewlenin tar-rekwiżiti rilevanti ta' dan ir-Regolament huma bbażati fuq ir-riżultati tal-istima tal-impatt tal-4 ta' Ottubru 2010 u l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni tal-għażliet differenti billi jiġu elenkati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi possibbli f'termini ta' aspetti ekonomiċi, ambjentali, tas-sikurezza u tas-soċjetà. L-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ġew inklużi t-tnejn f'dik l-analiżi. Wara li tqabblu l-għażliet differenti, l-għażliet preferuti ġew identifikati u intgħażlu biex jiffurmaw il-bażi għal dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU C 84, 17.3.2011, p. 30.

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 (għad mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2012

⁽³⁾ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

- (8) Dan ir-Regolament jimmira li jistipula regoli armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorija L, bil-għan li jiżgura t-tħaddim tas-suq intern. Il-vetturi tal-kategorija L huma vetturi b'żewġ, tliet jew erba' roti bħal vetturi motorizzati b'żewġ roti, ir-triċikli u l-kwadriċikli. Barra minn hekk, l-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma li jiġi ssimplifikat il-qafas legali attwali, li jitnaqqsu l-emissjonijiet minn vetturi tal-kategorija L, biex b'hekk is-sehem tal-emissjonijiet mill-vetturi tal-kategorija L mill-emissjonijiet kumplessivi tat-triq isir iktar proporzjonat, li jiżjed il-livell kumplessiv tas-sikurezza, li jsiru adattamenti għall-progress tekniku u li jissaħħu r-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq.
- (9) Biex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza funzjonali ta-vetturi, sikurezza okkupazzjonali u protezzjoni ambjentali, ir-rekwiżiti tekniċi u l-istandards ambjentali li japplikaw għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu armonizzati.
- (10) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu affettwati mit-twaħħil ta' ċerti sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati wara li l-vetturi li jkunu tqiegħdu fis-suq, ġew irreġistrati jew iddaħħlu fis-servizz. Għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex ikun żgurat li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li jistgħu jitwaħħlu fil-vetturi, u li jistgħu jfixxlu b'mod sinifikanti t-tħaddim tas-sistemi li huma essenzjali għall-protezzjoni ambjentali jew is-sikurezza funzjonali, huma soġġetti għal kontroll minn awtorità approvata qabel ma jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.
- (11) Id-Direttiva 95/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Frar 1995 dwar il-veloċità massima ddisinjata, itorque massimu u l-qawwa massima netta tal-magna ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta⁽¹⁾ taġti l-għażla lill-Istati Membri li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni inizjali u kull reġistrazzjoni sussegwenti fit-territorju tagħhom ta' vetturi b'potenza netta massima ta' iktar minn 74 kW. Il-korrelazzjoni antiċipata bejn is-sikurezza u l-limitazzjoni tal-potenza assoluta ma setgħetx tiġi kkonfermata f'diversi studji xjentifiċi. Għal din ir-raġuni u sabiex jitneħħew l-ostakli interni għall-kummerċ fis-suq tal-Unjoni, dik l-għażla ma għandhiex tinżamm. Miżuri ta' sikurezza oħrajn li huma iktar effettivi għandhom jiġu introdotti biex jgħinu fit-tnaqqis tal-għadd kbir ta' fatalitajiet u korrimenti fost is-sewwieqa u l-passiġġieri ta' vetturi b'żewġ roti f'inċidenti tat-triq fl-Unjoni.
- (12) Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ambjentali għal żewġ stadji, bit-tieni stadju (Euro 5) obbligatorju għat-tipi ġodda ta' vetturi sa mill-1 ta' Jannar 2020, biex b'hekk joħloq prevedibbiltà fl-ippjanar għall-manifatturi u għall-industrija tal-forniment. Abbażi ta' data disponibbli fil-futur, studju tal-impatt ambjentali meħtieġ minn dan ir-Regolament jipprovi rfid addizzjonali permezz ta' mmudellar, analiżi tal-fattibbiltà teknika u tal-kosteffikaċja bbażati fuq id-data l-aktar reċenti f'dak iż-żmien. Barra minn hekk, l-istudju għandu *inter alia* jivvaluta l-fattibbiltà u l-kosteffikaċja tar-rekwiżiti tal-ittestjar tal-konformità interna, emissjonijiet off-cycle u limitu tan-numru tal-emissjonijiet partikulati għal ċerti (sotto)kategoriji. Abbażi tar-riżultati tal-istudju, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tressaq proposta li tintroduċi dawn l-elementi l-ġodda f'leġiżlazzjoni futura dwar l-approvazzjoni tat-tip li tkun applikabbli wara l-istadji stipulati f'dan ir-Regolament.
- (13) Is-sistema tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE hija intiża biex tippermetti lil kull Stat Membru jikkonferma li kull tip ta' vettura jkun għadda mill-kontrolli pprovduti f'dan ir-Regolament u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, u li l-manifattur tiegħu jkun kiseb ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, il-manifatturi jobbligahom joħorġu ċertifikat tal-konformità għal kull vettura prodotta skont l-approvazzjoni tat-tip. Meta vettura tkun akkumpanjata mit-tali ċertifikat għandha tkun permessa li ssir disponibbli fis-suq u tiġi rreġistrata għall-użu fl-Unjoni kollha.
- (14) Biex jiġi żgurat li l-proċedura għall-monitoraġġ tal-konformità tal-produzzjoni, li hija waħda mill-elementi bażiċi tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, tkun ġiet implimentata kif suppost u tkun qed tiffunzjona tajjeb, il-manifatturi għandhom jiġu mmonitorjati regolament mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kwalifikat adegwatament magħżul għal dak il-għan.
- (15) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi ġabra speċifika ta' rekwiżiti ta' sikurezza u ħarsien ambjentali. Għaldaqstant, huwa importanti li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex ikun żgurat li, fil-każijiet fejn vettura tkun ta' riskju serju għall-utenti jew għall-ambjent, il-manifattur jew kwalunkwe operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista, ikun ħa miżuri protettivi effettivi, inkluż l-irtirar tal-vetturi, skont it-tifsira tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom għalhekk ikunu jistgħu jivvalutaw jekk dawk il-miżuri humiex biżżejjed.
- (16) F'ċerti każijiet limitati, huwa floku li tkun prevista l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje ta' żgħar. Sabiex jiġi evitat l-abbuż, kwalunkwe proċedura simplifikata għal vetturi ta' serje żgħira għandha tiġi ristretta għal każi ta' produzzjoni limitata ħafna. Għalhekk jeħtieġ definizzjoni preċiża tal-kunċett ta' serje żgħira f'termini ta' numru ta' vetturi prodotti.

(1) ĠU L 52, 8.3.1995, p. 1.

- (17) L-Unjoni hija parti kontraenti fil-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti rigward l-adozzjoni ta' rekwiżiti tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffitjati u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal rikonossiment reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn ir-rekwiżiti ("Ftehim Rivedut tal-1958")⁽¹⁾. Sabiex il-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tiġi ssimplifikata f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2006 bl-isem "CARS 21: Sistema Regulatorja Kompetittiva għall-Karozzi għas-seklu 21", jixraq li jiġu revokati d-direttivi separati kollha mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-Direttivi għandhom jingħaddu għal dan ir-Regolament jew l-atti delegati tiegħu adottati skont dan ir-Regolament u għandhom jiġu ssostitwiti, fejn hu xieraq, b'referenzi għar-regolamenti tal-kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) korrispondenti li l-Unjoni tkun ivvutat favur jew li magħhom l-Unjoni tkun aderiet u li huma annessi mal-Ftehim Rivedut tal-1958. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, il-manifatturi tal-vetturi għandhom ikunu jistgħu ifittxu approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, fejn ikun xieraq, direttament permezz tal-ksib ta' approvazzjoni skont ir-regolamenti rilevanti tal-UNECE msemmija fl-Annessi ta' dan ir-Regolament jew fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.
- (18) Konsegwentement, ir-regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom li l-Unjoni Ewropea tkun ivvutat favurhom, b'applikazzjoni tad-Deċiżjoni 97/836/KE, għandhom ikunu inkorporati fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Għaldaqstant, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta l-adattamenti meħtieġa għall-Annessi ta' dan ir-Regolament jew għall-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.
- (19) Hemm bżonn ta' aċċess bla restrizzjonijiet għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, bl-użu ta' format standardizzat li jista' jintuża biex terġa' tinkiseb l-informazzjoni tekniċa u l-kompetizzjoni effettiva fis-suq biex jittejjeb il-mod kif jaħdem is-suq intern, partikolarment fir-rigward tal-moviment liberu ta' merkanzija, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu provduti servizzi. Proporzjon kbira ta' din l-informazzjoni hija relatata ma' sistemi djanjostiċi abbord u mal-interazzjoni tagħhom ma' sistemi ta' vetturi oħra. Ta' min wieħed jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi li l-websajts tal-manifatturi għandhom isegwu, flimkien ma' miżuri fil-mira biex jiġi żgurat aċċess raġonevoli għall-impriżi ta' daqs żgħir u medju.
- (20) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat implimentattivi. Dawk is-setgħat implimentattivigħandhom jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni⁽²⁾.
- (21) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dettalji tekniċi ulterjuri, il-Kummissjoni għandha tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' rekwiżiti dwar il-prestazzjoni ambjentali u ta' propulsjoni, is-sikurezza funzjonali u l-kostruzzjoni tal-vetturi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol ta' thej-jiġa tagħha, inkluż ma' esperti. Meta tkun qiegħda tipp-repara u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (22) L-Istati Membri għandhom jistipulaw regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (23) Biex tkun tista' tivvaluta u tiddeċiedi jekk it-tagħmir b'ċerti sistemi avvanzati ta' brejkijiet għandux jiġi estiż għal kategoriji addizzjonali ta' muturi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq il-bażi, *inter alia*, ta' data dwar l-inċidenti tat-triq provduta mill-Istati Membri.
- (24) Filwaqt li xejn f'dan ir-Regolament ma jżomm lill-Istati Membri milli jibqgħu japplikaw is-sistemi individwali rispettivi tagħhom ta' approvazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' dawn is-sistemi nazzjonali, abbażi ta' informazzjoni provduta mill-Istati Membri, bil-għan li terġa' tiġi kkunsidrata l-mistoqsija dwar jekk għandhiex titressaq proposta leġiżlattiva għall-armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni tas-sistema individwali ta' approvazzjoni.
- (25) Fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi⁽³⁾, id-delinjazzjoni bejn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2007/46/KE għandha titqies fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari gall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-kategoriji ta' vetturi.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

⁽²⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

- (26) F'għieh iċ-ċarezza, il-prevedibbiltà, ir-razzjonalità u s-semplifikazzjoni u biex jitnaqqas il-piż għall-manufatturi tal-vetturi, dan ir-regolament għandu jkun fih biss għadd limitat ta' stadji implimentattivi għall-introduzzjoni ta' livelli ġodda ta' emissjonijiet u rekwiżiti tas-sikurezza. L-industrija għandha tingħata żmien suffiċjenti biex tadatta għad-dispożizzjonijiet il-ġodda stipulati f'dan ir-Regolament u għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi stipulati fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament. Id-definizzjoni f'waqta tar-rekwiżiti hija essenzjali sabiex jiġi żgurat ħin suffiċjenti ħalli l-manifatturi jkunu jistgħu jiżviluppaw, jittestjaw u jimplimentaw soluzzjonijiet tekniċi għall-produzzjoni tal-vetturi u biex il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni fl-Istati Membri jstabbilixxu s-sistemi amministrattivi meħtieġa.
- (27) Id-Direttiva 2002/24/KE u d-Direttivi separati imsemmijin f'dik id-Direttiva ġew emendati sostanzjalment bosta drabi. Fl-interessi taċ-ċarezza, ir-razzjonalità u s-simplifikazzjoni, id-Direttiva 2002/24/KE u d-Direttivi separati imsemmijin f'dik id-Direttiva għandhom jiġu revokati u sostitwiti b'Regolament wieħed u b'għadd żgħir ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. L-adozzjoni ta' Regolament tiżgura li d-dispożizzjonijiet ikunu applikabbli direttament u jkunu jistgħu jiġu aġġornati b'mod iktar rapidu u effiċjenti biex iqisu aħjar il-progress tekniku.
- (28) Id-Direttivi li ġejjin għandhom jiġu revokati:
- Id-Direttiva 2002/24/KE,
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 93/14/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-ibbrejtkjar tal-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ⁽¹⁾,
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 93/30/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-apparati li jagħtu twissija li tinstema' għal vetturi b'żewġ jew tliet roti ⁽²⁾,
 - Id-Direttiva tal-Kunsill 93/33/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-apparat protettiv maħsuba biex jipprevjenu l-użu mhux awtorizzat ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti ⁽³⁾,
 - Id-Direttiva 93/93/KEE tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 1993 dwar il-massa u dimensjonijiet ta' vetturi b'żewġ jew bi tliet roti ⁽⁴⁾,
 - Id-Direttiva 95/1/KE,
 - Id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur ⁽⁵⁾,
- Id-Direttiva 2000/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar indikaturi ta' veloċità għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta ⁽⁶⁾,
 - Id-Direttiva 2002/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar it-tnaqqis tal-livell ta' emissjonijiet li jniġġsu minn vetturi bil-mutur b'żewġ roti u bi tlieta ⁽⁷⁾,
 - Id-Direttiva 2009/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li għandha x'taqsam mal-isparzju għall-immuntar tal-panċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti ⁽⁸⁾,
 - Id-Direttiva 2009/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-installazzjoni ta' apparati tad-dawl u li jagħmlu sinjal bid-dawl fuq vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti ⁽⁹⁾,
 - Id-Direttiva 2009/78/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar stands ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti ⁽¹⁰⁾,
 - Id-Direttiva 2009/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti ⁽¹¹⁾,
 - Id-Direttiva 2009/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-ales u indikaturi għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti ⁽¹²⁾,
 - Id-Direttiva 2009/139/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar markar statutorju għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti ⁽¹³⁾.
- (29) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli armonizzati uniformi fuq ir-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategorija L u s-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

⁽¹⁾ ĠU L 121, 15.5.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 32.

⁽⁴⁾ ĠU L 311, 14.12.1993, p. 76.

⁽⁵⁾ ĠU L 226, 18.8.1997, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 106, 3.5.2000, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 252, 20.9.2002, p. 20.

⁽⁸⁾ ĠU L 198, 30.7.2009, p. 20.

⁽⁹⁾ ĠU L 222, 25.8.2009, p. 1.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 231, 3.9.2009, p. 8.

⁽¹¹⁾ ĠU L 201, 1.8.2009, p. 29.

⁽¹²⁾ ĠU L 202, 4.8.2009, p. 16.

⁽¹³⁾ ĠU L 322, 9.12.2009, p. 3.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-reqwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati l-ġodda kollha msemmija fl-Artikolu 2(1).

Dan ir-Regolament ma japplikax għall-approvazzjoni ta' vetturi individwali. Madankollu, Stati Membri li jagħtu tali approvazzjonijiet individwali għandhom jaċċettaw kwalunkwe approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mogħtija skont dan ir-Regolament minflok skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-reqwiżiti għas-sorveljanza tas-suq tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu soġġetti għall-approvazzjoni taħt dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-reqwiżiti għas-sorveljanza tas-suq tal-partijiet u t-tagħmir għal tali vetturi.

3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tat-toroq.

Artikolu 2

Ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi b'żewġ jew tliet roti jew kwadriċikli kollha kif kategorizzati fl-Artikolu 4 u l-Anness I ("vetturi tal-kategorija L"), li huma maħsuba biex jivvjaġġaw fit-toroq pubbliċi inklużi daww fejn ikunu ddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew fiktur, u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-partijiet u t-tagħmir iddisinjati u mibnija għal dawn il-vetturi.

Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-muturi Enduro (L3e-AxE (x = 1, 2 jew 3)), muturi Trial (L3e-AxT (x = 1, 2 jew 3)) u quads tqal għal kull tip ta' terren (L7e-B) kif kategorizzati fl-Artikolu 4 u fl-Anness I.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-vetturi li ġejjin:

- (a) vetturi li l-ogħla veloċità li li huma ddisinjati għaliha ma teċċedix is-6 km/siegħa;
- (b) vetturi maħsuba esklussivament għall-użu minn persuni b'diżabilità fiżika;
- (c) vetturi maħsuba esklussivament għall-kontroll minn persuni mexjin;

(d) vetturi maħsuba esklussivament għall-użu fil-kompetizzjonijiet;

(e) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu mis-servizzi armati, mid-difiża ċivili mis-servizzi tan-nar, mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku u mis-servizzi medikali ta' emerġenza;

(f) vetturi agrikoli jew tal-foresterija soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikultura u għall-forestrija⁽¹⁾, magni soġġetti għad-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq⁽²⁾ u d-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju⁽³⁾ u vetturi motorizzati soġġetti għad-Direttiva 2007/46/KE;

(g) vetturi li huma maħsuba primarjament għall-użu mhux fit-triq u ddisinjati biex jimxu fuq uċuħ bla tarmak;

(h) roti bil-pedali assistiti u li huma mgħammra b'mutur elettriku awżiljarju b'potenza nominali kontinwa massima ta' anqas minn jew ugħali għal 250 W, u fejn l-output tal-mutur jieqaf meta ċ-ċiklist ma jibqax jippedala u, jekk le, jonqos progressivament u fl-aħħar jieqaf qabel ma l-vettura tilħaq veloċità ta' 25 km fis-siegħa;

(i) vetturi awtoekwilibrati;

(j) vetturi li mhux mgħammra b'mill-inqas post wieħed bilqiegħda;

(k) vetturi mgħammra bi kwalunkwe pożizzjoni bilqiegħda tas-sewwieq jew rikkieb b'għoli tal-punt-R ≤ 540 mm fil-każ tal-kategoriji L1e, L3e u L4e jew ≤ 400 mm fil-każ tal-kategoriji L2e, L5e, L6e u L7e.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti elenkati fl-Anness II, ħliet kif stipulat fihom, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "approvazzjoni tat-tip" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-reqwiżiti tekniċi rilevanti;

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 59, 27.2.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

- (2) “ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip” tfisser id-dokument li bih l-awtorità tal-approvazzjoni uffiċjalment tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata hu approvat;
- (3) “approvazzjoni tat-tip għall-vettura sħiħa” tfisser approvazzjoni tat-tip li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura mhux sħiħa, sħiħa jew ikkompletata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (4) “approvazzjoni tat-tip tal-UE” tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (5) “ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE” tfisser iċ-ċertifikat ibbażat fuq il-mudell stabbilit fl-att ta’ implimentazzjoni adottat skont dan ir-Regolament jew il-formola ta’ komunikazzjoni stabbilita fir-regolamenti rilevanti tal-UNECE msemmija f’dan ir-Regolament jew fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament;
- (6) “approvazzjoni tat-tip tas-sistema” tfisser approvazzjoni tat-tip li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li sistema integrata f’vettura ta’ tip speċifiku tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (7) “approvazzjoni tat-tip ta’ unità teknika separata” tfisser approvazzjoni tat-tip li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li unità teknika separata tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti frabta ma’ tip speċifikat wieħed jew iktar ta’ vetturi;
- (8) “approvazzjoni tat-tip ta’ komponent” tfisser approvazzjoni tat-tip li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li komponent, indipendentement minn vettura, jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;
- (9) “approvazzjoni tat-tip nazzjonali” tfisser proċedura tal-approvazzjonijiet tat-tip stabbilita mil-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru, u l-validità tal-approvazzjoni tkun limitata għat-territorju ta’ dak l-Istat Membru;
- (10) “ċertifikat ta’ konformità” tfisser id-dokument li jinħareġ mill-manifattur, li jiċċertifika li vettura prodotta tikkonforma għat-tip ta’ vettura approvat;
- (11) “vettura bażi” tfisser kwalunkwe vettura li tintuża fl-istadju tal-bidu ta’ proċess f’diversi stadji tal-approvazzjoni tat-tip;
- (12) “vettura mhux kompluta” tfisser kwalunkwe vettura li jonqosha mill-inqas stadju ieħor biex tkun kompluta u tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament;
- (13) “vettura kkompletata” tfisser vettura li tirriżulta mill-proċess f’diversi stadji tal-approvazzjoni tat-tip u li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament;
- (14) “vettura kompluta” tfisser kwalunkwe vettura li ma għandhiex bżonn tiġi kkompletata biex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament;
- (15) “sistema” tfisser assemblaġġ ta’ apparat ikkombinat biex iwettaq funzjoni speċifika waħda jew aktar f’vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe wieħed mill-atti delegati jew ta’ implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament;
- (16) “komponent” tfisser apparat li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew ta’ kwalunkwe wieħed mill-atti delegati jew ta’ implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li jkun maħsub biex ikun parti minn vettura u li tista’ tingħatalu approvazzjoni tat-tip indipendentement minn vettura skont dan ir-Regolament u l-atti delegati jew ta’ implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament fejn dawk l-atti jiddisponu espressament għal dan;
- (17) “unità teknika separata” tfisser apparat soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe wieħed mill-atti delegati jew ta’ implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament u li hija maħsuba biex tkun parti minn vettura u tista’ tingħatalha approvazzjoni tat-tip separatament, iżda biss f’relazzjoni ma’ tip jew tipi speċifikat(i) ta’ vettura fejn dawk l-atti jiddisponu espressament għal dan;
- (18) “komponenti” tfisser oġġetti użati għall-armar ta’ vettura kif ukoll komponenti ta’ rikambju;
- (19) “tagħmir” tfisser kwalunkwe oġġetti appartati komponenti li jistgħu jiġu miżjuda jew installati fuq vettura;
- (20) “komponenti jew tagħmir oriġinali” tfisser komponenti jew tagħmir manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta’ produzzjoni pprovduti mill-manifattur tal-vettura għall-produzzjoni ta’ komponenti jew tagħmir għall-assemblaġġ tal-vettura partikolari; dan jinkludi l-komponenti jew tagħmir manifatturati fl-istess linja ta’ produzzjoni bħal dawn il-komponenti jew tagħmir; sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, teżisti l-preżunzjoni li komponenti jew tagħmir huma komponenti jew tagħmir oriġinali jekk il-manifattur jiċċertifika li l-komponenti jew tagħmir huma ta’ kwalità identika għall-komponenti użati fl-assemblaġġ tal-vettura inkwistjoni u ġew manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards ta’ produzzjoni tal-manifattur tal-vettura;
- (21) “komponenti ta’ rikambju” tfisser oġġetti li jiġu installati ġo vettura jew fuq vettura sabiex jiġu mibdula l-komponenti oriġinali ta’ dik il-vettura, inklużi prodotti bħal lubrikanti li huma meħtieġa għall-użu ta’ vettura, bl-eċċezzjoni tal-fjuwil;

- (22) "Sikurezza funzjonali" tfisser in-nuqqas ta' riskju inaċċettabbli ta' korriment fiżiku jew ta' ħsara lil saħħet il-persuni jew għall-proprjetà minħabba perikli li jirriżultaw minn operar ħażin ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mekkaniċi, elettriċi u/jew elettroniċi;
- (23) "Sistema avvanzata ta' brejkijiet" tfisser sistema ta' brejkijiet anti-lock, sistema kombinata ta' bbrejkjar jew it-tnejn;
- (24) "sistema tal-brejkijiet anti-lock" tfisser sistema li tinduna b'meta r-rotta tiżżerżaq u awtomatikament timmodula l-pressjoni u tipproduċi l-forza tal-ibbrejkjar mar-rotta/roti biex tillimita l-ammont ta' żerżiq;
- (25) "sistema kombinata ta' bbrejkjar" tfisser:
- (a) għall-kategoriji ta' vetturi L1e u L3e: sistema ta' brejkijiet ta' servizz fejn mill-inqas żewġ brejkijiet fuq roti differenti jiġu operati mill-attwazzjoni ta' kontroll wieħed;
- (b) għall-kategorija ta' vetturi L4e: sistema ta' brejkijiet fejn il-brejkijiet fuq mill-inqas ir-roti ta' quddiem u ta' wara jiġu operati mill-attwazzjoni ta' kontroll wieħed (jekk ir-rotta ta' wara u s-side-ċar jiġu bbrejkjati mill-istess sistema tal-brejkijiet, dan jitqies bħala l-brejk ta' wara);
- (c) għall-kategoriji ta' vetturi L2e, L5e, L6e u L7e: sistema ta' brejkijiet ta' servizz fejn il-brejkijiet fuq ir-roti kollha jiġu operati mill-attwazzjoni ta' kontroll wieħed;
- (26) "dawli li jixgħel b'mod awtomatiku" tfisser sistema tad-dawli li tixgħel meta s-swiċċ tal-ignition jew is-swiċċ li jixgħel u jifti l-magna jkun fil-pożizzjoni ta' tħaddim;
- (27) "tagħmir għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser dawli il-komponenti ta' vettura li jikkontrollaw jew jillimitaw l-emissjonijiet mill-egżost u/jew l-evaporazzjoni;
- (28) "Tagħmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis" tfisser tagħmir ta' kontroll tat-tniġġis jew assemblaġġ ta' tagħmir ta' dan it-tip maħsub biex jissostitwixxi tagħmir oriġinali għall-kontroll tat-tniġġis u li jista' jiġi approvat bħala unità teknika separata;
- (29) "pożizzjoni bilqiegħda" tfisser:
- (a) sedil li fuqu joqgħod jew is-sewwieq jew passiġġier u li jintuża billi l-persuna tpoġġi fuqu b'riġleha fuq kull ġenb; jew
- (b) kwalunkwe sedil li jista' jakkomoda minimu ta' persuna waħda tad-daqs ta' manikin antropomorfik u ta' raġel adult tal-50 perċentil, fil-każ tas-sewwieq;
- (30) "magna li taqbad bil-kompressjoni" jew "magna CI" tfisser magna tal-kombustjoni li taħdem skont il-prinċipji tal-proċess tal-kombustjoni taċ-ċiklu "Diesel";
- (31) "magna positive ignition" jew "magna PI" tfisser magna tal-kombustjoni li taħdem skont il-prinċipji tal-proċess tal-kombustjoni taċ-ċiklu "Otto";
- (32) "vettura ibrida" tfisser vettura b'mill-inqas żewġ konvertituri tal-enerġija differenti u żewġ sistemi tal-ħżin tal-enerġija differenti (fil-vettura) għall-fini tal-propulsjoni tal-vettura;
- (33) "vettura tal-elettriku ibrida" tfisser vetturali, għall-iskop tal-propulsjoni mekkanika, tiegħu l-enerġija miż-żewġ sorsi ta' enerġija/qawwa li ġejjin li jinħażnu fuq il-vettura:
- (a) fjuwil li jiġi kkunsmat;
- (b) batterija, kapaċitatur, volant/ġeneratur jew tagħmir ieħor li jaħżen l-enerġija elettrika/il-qawwa.
- Din id-definizzjoni tinkludi wkoll vetturi li jieħdu l-enerġija minn fjuwil li jiġi kkunsmat biss għall-fini tal-iċċarġjar tat-tagħmir tal-enerġija elettrika/ħżin tal-enerġija,
- (34) "propulsjoni" tfisser magna tal-kombustjoni, magna elettrika, kwalunkwe applikazzjoni ibrida jew taħlita ta' dawn it-tipi ta' magni jew kull tip ieħor ta' magni;
- (35) "potenza nominali kontinwa massima" tfisser il-potenza massima fuq tletin minuta fl-output shaft ta' mutur elettriku kif stipulat fir-regolament Nru 85 tal-UNECE;
- (36) "potenza netta massima" tfisser il-potenza massima ta' magna tal-kombustjoni disponibbli fuq il-bank tal-prova fi tmien il-crankshaft jew komponent ekwivalenti;
- (37) "tagħmir ta' invalidazzjoni" jfisser kull element tad-disinn li jħoss it-temperatura, il-veloċità tal-vettura, il-veloċità tal-magna u/jew it-tagħbija, il-ger tat-trażmissjoni, il-vakwu fil-manifold jew kull parametru ieħor bl-iskop li jattiva, jimmodula, jittardja jew iwaqqaf it-tħaddim ta' kwalunkwe parti mis-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet u tal-posttrattament tal-egżost u li tnaqqas l-effettività tas-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet f'kondizzjonijiet li wieħed raġonevolment jistenna li jiltaqa' magħhom waqt it-tħaddim u l-użu normali tal-vettura;
- (38) "durabilità" tfisser il-kapaċità tal-komponenti u s-sistemi li jservu sabiex il-prestazzjoni ambjentali kif stipulata fl-Artikolu 23 u l-Anness V jkun jistgħu jintlaħqu wara l-kilometraġġ kif definit fl-Anness VII u sabiex is-sikurezza funzjonali tal-vettura tkun żgurata, jekk il-vettura tintuża f'ċirkostanzi normali jew f'dawk intiżi u ssirilha manutenzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur;

- (39) “kapaċità tal-magna” tfisser:
- (a) għal magni bil-pistins alternattivi, il-volum nominali tal-magna biċ-ċilindri miftuħa kemm jista' jkun (swept volume);
- (b) għal magni bil-pistins iduru (Wankel), id-doppju tall-volum nominali tal-magna;
- (40) “emissjonijiet tal-evaporazzjoni” tfisser il-fwar tal-idrokarburi mitlufa mit-tank tal-fjuwil u s-sistema tal-forniment ta' vettura motorizzata u mhux dawk mill-emissjonijiet tal-egżost;
- (41) “it-test SHED” tfisser test tal-vettura f'dar issiġillata għad-determinazzjoni tal-evaporazzjoni, fejn isir test speċjali tal-emissjonijiet tal-evaporazzjoni;
- (42) “sistema tal-fjuwil f'għamla ta' gass” tfisser sistema komposta mit-tank tal-ħżin tal-fjuwil f'għamla ta' gass, il-provvista tal-fjuwil, il-komponenti tad-dożaġġ u l-kontroll mgħammra f'magna sabiex jippermettu lill-magna li taħdem bl-LPG, is-CNG jew l-idroġenu bħala applikazzjoni li taħdem b'tip wieħed, żewġ tipi jew diversi tipi ta' fjuwil;
- (43) “sustanzi gassużi li jniġġsu” tfisser l-emissjonijiet ta' gass mill-egżost ta' monossidu tal-karbonju (CO), ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), espressi f'ekwivalenti ta' dijossidu tan-nitroġenu (NO₂), u ta' l-idrokarburi (HC);
- (44) “emissjonijiet tal-egżost” tfisser l-emissjoni ta' sustanzi gassużi li jniġġsu u partikoli mill-egżost tal-vettura;
- (45) “partikoli” tfisser il-komponenti tal-gass tal-egżost li jitneħħew mill-gass dilwit tal-egżost f'temperatura massima ta' 325 K (52 °C) permezz tal-filtri deskritti fil-proċedura tat-test għall-verifika tal-emissjonijiet medji tal-egżost;
- (46) “Ċiklu dinji armonizzat tal-Itestjar tal-Muturi” jew “WMTC” tfisser iċ-ċiklu armonizzat tal-ittestjar fil-laboratorju għall-emissjonijiet (WMTC) kif definit mir-Regolament tekniku globali tal-UNECE Nru 2;
- (47) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip, il-proċess tal-awtorizzazzjoni, għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni u li huma wkoll responsabbli għas-sorveljanza tas-suq għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati prodotti, kemm jekk il-persuna fiżika jew ġuridika tkun jew ma tkunx involuta direttament fl-istadji kollha tad-disinn u tal-bini tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li tkun is-suġġett tal-proċess tal-approvazzjoni;
- (48) “rappreżentant tal-manifattur” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tiġi maħtura mill-manifattur biex tirrappreżenta l-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità ta' sorveljanza tas-suq u biex taġixxi fisem il-manifattur fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament;
- (49) “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir minn pajjiż terz;
- (50) “distributtur” tfisser kull persuna naturali jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li jaġħmel disponibbli vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir fis-suq;
- (51) “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant tal-manifattur, l-importatur jew id-distributtur;
- (52) “reġistrazzjoni” tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz fit-triq ta' vettura, li tinvolvi l-identifikazzjoni tal-vettura u l-ħruġ ta' numru tas-serje għaliha, li għandu jkun magħruf bħala n-numru tar-reġistrazzjoni, kemm jekk ikun permanenti, temporanju jew għal żmien qasir;
- (53) “dħul fis-servizz” tfisser l-ewwel użu fl-Unjoni, għall-iskop intenzjonat, ta' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir;
- (54) “tqiegħed fis-suq” tfisser li vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir issir disponibbli għall-ewwel darba fl-Unjoni;
- (55) “tqiegħid għad-disponibilità fis-suq” tfisser kwalunkwe forniment ta' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq fl-andament ta' attività kummerċjali, sew jekk bi ħlas sew b'xejn;
- (56) “awtorità tal-approvazzjoni” tfisser l-awtorità ta' Stat Membru, stabbilita jew maħtura mill-Istat Membru, u nnotifikata lill-Kummissjoni mill-Istat Membru, bil-kompetenza għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata għall-proċess ta' awtorizzazzjoni, għall-ħruġ u, jekk meħtieġ, l-irtirar jew ir-rifjut ta' ċertifikati tal-approvazzjoni biex taġixxi bħala l-punt tal-kuntatt għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħra, biex taħtar is-servizzi tekniċi u biex tiżgura li l-manifattur jissodisfa l-obbligi tiegħu rigward il-konformità tal-produzzjoni;
- (57) “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità ta' kull Stat Membru responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju tiegħu;

- (58) “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħudha mill-awtoritajiet pubbliċi biex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;
- (59) “awtorità nazzjonali” tfisser awtorità tal-approvazzjoni jew kull awtorità oħra involuta fi, u responsabbli għal, is-sorveljanza ta-suq, il-kontroll tal-fruntiera jew ir-reġistrazzjoni fi Stat Membru fir-rigward ta’ vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, partijiet jew tagħmir;
- (60) “servizz tekniku” tfisser organizzazzjoni jew korp magħżul mill-awtorità tal-approvazzjoni ta’ Stat Membru bħala laboratorju tal-ittestjar biex jitwettqu t-testijiet, jew bħala korp għall-valutazzjoni tal-konformità biex iwettaq il-valutazzjoni tal-bidu u testijiet jew spezzjonijiet oħra, fisem l-awtorità tal-approvazzjoni, filwaqt li l-awtorità ta’ approvazzjoni tkun tista’ taqdi dawk il-funzjonijiet hija stess;
- (61) “ittestjar intern” tfisser it-tweqqif ta’ testijiet fil-faċilitajiet tiegħu stess, ir-reġistrazzjoni tar-riżultati tat-testijiet u t-tressiq ta’ rapport, inkluż il-konklużjonijiet, lill-awtorità tal-approvazzjoni minn manifattur li jkun ġie maħtur bħala servizz tekniku sabiex jevalwa l-konformità ma’ ċerti rekwiżiti;
- (62) “metodu ta’ ttestjar virtwali” tfisser simulazzjonijiet bil-komputer, inklużi kalkoli, biex juru jekk vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfawx ir-rekwiżiti tekniċi ta’ att delegat adottati skont l-Artikolu 32(6) mingħajr ma jkun meħtieġ l-użu ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata fiżiċi;
- (63) “sistema dijanjostika abbord jew sistema OBD” tfisser sistema li kapaċi tidentifika dik il-parti li x’aktarx tkun qed taħdem ħażin permezz ta’ kodiċijiet ta’ difetti maħżuna fmemorja tal-komputer;
- (64) “informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi” tfisser kull informazzjoni meħtieġa għad-dijanjożi, għall-manutenzjoni, għall-ispezzjoni, għall-monitoraġġ perjodiku, għat-tiswija, għar-riprogrammazzjoni jew għar-riinizjalizzazzjoni tal-vettura u li l-manifatturi jagħtu lin-negozjanti u lis-sewweġja awtorizzati tagħhom, inklużi l-emendi u s-supplimenti sussegwenti għal tali informazzjoni; din l-informazzjoni tinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex vettura tiġi mgħammra b’komponenti jew tagħmir;
- (65) “operatur indipendenti” tfisser impriżi li mhumiex bejjieġha awtorizzati u dawk li jsewwu li huma direttament jew indirettament involuti fit-tiswija u l-manutenzjoni ta’ vetturi, b’mod partikolari dawk li jsewwu, manifatturi jew distributuri ta’ tagħmir tat-tiswija, għodda jew komponenti ta’ rikambju, pubblikaturi ta’ informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi tal-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta’ spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru taħriġ għall-istallaturi, il-manifatturi u dawk li jsewwu t-tagħmir fir-rigward ta’ vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv;
- (66) “sewweġ awtorizzati” tfisser fornitur ta’ servizzi ta’ tiswija u manteniment għal vetturi li joperaw fi ħdan is-sistema ta’ distribuzzjoni stabbilita minn fornitur ta’ vetturi;
- (67) “vettura ta’ tmiem is-serje” tfisser kwalunkwe vettura li hi parti minn stokk li ma jistax isir disponibbli fis-suq jew ma jistax jibqa’ jkun disponibbli fis-suq, u lanqas ma jista’ jiġi rreġistrat jew imdaħħal fis-servizz minħabba d-dħul fis-seħħ ta’ rekwiżiti tekniċi ġodda li għalihom ma ġie approvati;
- (68) “vettura b’żewġ roti motorizzata” jew “PTW” tfisser vettura b’żewġ roti motorizzata, inklużi r-roti motorizzati b’żewġ roti, il-mopeds b’żewġ roti u l-muturi b’żewġ roti;
- (69) “trikiklu motorizzat” tfisser vettura motorizzata bi tliet roti li tissodisfa l-kriterji ta’ klassifikazzjoni għall-vetturi tal-kategorija L5e;
- (70) “kwadricklu” tfisser vettura b’erba’ roti li tissodisfa l-kriterji ta’ klassifikazzjoni għal vetturi tal-kategorija L6e jew L7e;
- (71) “vettura awtoekwilibranti” tfisser kunċett ta’ vettura li huwa bbażat fuq ekwilibrju inerenti instabbli u li jeħtieġ sistema ta’ kontroll awżiljarju biex jinżamm il-bilanċ, u li jinkludi vetturi motorizzati b’rota waħda jew vetturi motorizzati b’żewġ roti paralleli;
- (72) “roti doppji” tfisser żewġ roti mmuntati fuq l-istess fus, li jitqiesu bħala rota waħda, u li d-distanza bejn iċ-ċentri taż-żoni ta’ kuntatt mal-art tagħhom tkun inqas minn 460 mm;
- (73) “tip ta’ vettura” tfisser grupp ta’ vetturi, inkluż varjanti jew verżjonijiet ta’ kategorija partikolari, li ma jvarjawx fmill-inqas l-aspetti essenzjali li ġejjin:
- il-kategorija u s-subkategorija;
 - il-manifattur;
 - ix-chassis, il-qafas, is-subqafas, il-qieġh jew l-istruttura li magħha huma mqabbdha l-komponenti maġġuri;
 - l-ispeċifikazzjoni tat-tip mogħtija mill-manifattur;

- (74) “varjant” tfisser vettura tal-istess tip fejn:
- (a) il-karatteristiċi bażiċi tal-forma tal-istruttura jkunu l-istess;
 - (b) il-propulsjoni u l-konfigurazzjoni tal-propulsjoni jkunu l-istess;
 - (c) jekk magna tal-kombustjoni tkun parti mill-propulsjoni, iċ-ċiklu operattiv tal-magna jkun l-istess;
 - (d) in-numru u l-arranġament taċ-ċilindri jkunu l-istess;
 - (e) it-tip ta’ gearbox jkun l-istess;
 - (f) id-differenza fil-massa f’kundizzjoni ta’ sewqan bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 20 % tal-valur l-iktar baxx;
 - (g) id-differenza fil-massa massima permessibbli bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 20 % tal-valur l-iktar baxx;
 - (h) id-differenza fil-kapaċità taċ-ċilindru tal-unità tal-potenza (fil-każ ta’ unità ta’ kombustjoni) bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 30 % tal-valur l-iktar baxx; kif ukoll
 - (i) id-differenza fil-produzzjoni tal-potenza tal-unità tal-potenza bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 30 % tal-valur l-iktar baxx;
- (75) “verżjoni ta’ varjant” tfisser vettura li tikkonsisti minn taħlita ta’ elementi murija fil-pakkett informattiv imsemmi fl-Artikolu 29(10);
- (76) “magna tal-kombustjoni esterna” tfisser magna termika li fiha l-kompartimenti tal-kombustjoni u l-espansjoni huma fiżikament separati u fejn fluwidu intern tal-ħidma jissaħħan bil-kombustjoni f’sors estern; is-sħana mill-kombustjoni esterna tespandi fluwidu intern tal-ħidma li mbagħad, billi jespandi u jaġixxi fuq il-mekkaniżmu tal-magna, jipproduċi ċ-ċaqliq u l-ħidma utli;
- (77) “grupp tal-propulsjoni” tfisser il-komponenti u s-sistemi ta’ vettura li jiġġeneraw il-potenza u jwassluha sal-wiċċ tatriq, inklużi l-magna/i, is-sistemi tal-ġestjoni tal-magna jew kull modulu ieħor ta’ kontroll, it-tagħmir tal-kontroll tal-protezzjoni kontra t-tniġġis ambjentali inklużi l-emissjonijiet ta’ sustanzi ta’ tniġġis u sistemi għat-taffija tal-ħoss, it-trażmissjoni u l-kontroll tagħha, jew id-drive shaft jew belt drive jew chain drive, id-differentials, il-final drive u t-tajer tar-rota mdawra (radius);
- (78) “vettura li tiegħu fjuwil wieħed” tfisser vettura li hija ddisinjata biex primarjament taħdem b’tip wieħed ta’ fjuwil;
- (79) “vettura li tiegħu fjuwil gassuż wieħed” tfisser vettura li tiegħu fjuwil wieħed li primarjament taħdem bl-LPG, bl-NG/bil-bijometanu, jew bl-idroġenu imma jista’ anki jkollha sistema tal-petrol għal finijiet ta’ emerġenza jew biex tistartja biss, fejn it-tank tal-petrol ma jkunx jesa’ aktar minn 5 litri ta’ petrol;
- (80) “E5” tfisser taħlita ta’ fjuwil ta’ 5 % etonal anidru u 95 % petrol;
- (81) “LPG” tfisser gass likwifikat tal-petroleum li huwa kompost mill-propanu u l-butanu likwifikat bil-ħżin taħt pressjoni;
- (82) “NG” tfisser gass naturali b’kontenut għoli ħafna ta’ metanu;
- (83) “bijometan” tfisser gass naturali rinnovabbli magħmul minn sorsi organiċi li jibda b’ħala “bijogass” iżda li mbagħad jitnaddaf bi proċess imsejjaħ “mill-bijogass għall-bijometan” li jwarrab l-impuritajiet fil-bijogass b’ħalma huma d-diossidu tal-karbonju, is-silossani u s-solfuri (H₂S);
- (84) “vettura li tiegħu żewġ fjuwils” tfisser vettura b’żewġ sistemi separati ta’ ħżin tal-fjuwil li tista’ taħdem għal parti mill-ħin b’żewġ fjuwils differenti u hija ddisinjata biex taħdem bi fjuwil wieħed kull waqt partikolari;
- (85) “vettura li tiegħu żewġ fjuwils gassużi” tfisser vettura li tiegħu żewġ fjuwils li tista’ taħdem bil-petrol u tista’ wkoll taħdem jew bl-LPG, bl-NG/bil-bijometanu jew bl-idroġenu;
- (86) “vettura bi fjuwil flessibbli” tfisser vettura b’sistema waħda ta’ ħżin tal-fjuwil li tista’ taħdem b’taħlities differenti ta’ żewġ fjuwils jew aktar;
- (87) “E85” tfisser taħlita ta’ fjuwil ta’ 85 % etonalu anidru u 15 % petrol;
- (88) “vettura bi fjuwil flessibbli li tiegħu l-etanolu” tfisser vettura bi fjuwil flessibbli li tista’ taħdem bil-petrol jew b’taħlita ta’ petrol u etanolu b’sa 85 % kontenut ta’ etanolu;
- (89) “H₂NG” tfisser taħlita ta’ fjuwil komposta mill-idroġenu u l-gass naturali;
- (90) “vettura bi fjuwil flessibbli li tiegħu l-H₂NG” tfisser vettura bi fjuwil flessibbli li tista’ taħdem b’taħlities differenti tal-idroġenu u l-NG/bijometanu;
- (91) “vettura bi fjuwil flessibbli li tiegħu l-bijodiżil” tfisser vettura bi fjuwil flessibbli li tista’ taħdem bid-diżil minerali jew b’taħlita ta’ diżil minerali u bijodiżil;
- (92) “B5” tfisser taħlita ta’ fjuwil b’sa 5 % bijodiżil u 95 % diżil tal-petroleum;

- (93) “bijodiżil” tfisser fjuwil tad-diżil abbażi taż-żejt veġetali jew tax-xaħam li jikkonsisti falkil esterji ta’ katina twila prodotti b’mod sostenibbli;
- (94) “vettura purament tal-elettriku” tfisser vettura li taħdem permezz ta’
- (a) sistema li tikkonsisti f’apparat jew apparati tal-ħżin tal-enerġija, apparat jew apparati għat-trasformazzjoni tal-potenza elettrika u magna jew magni elettriċi li jikkonvertu l-enerġija elettrika maħżuna f’enerġija mekkanika mwassla sar-roti għall-propulsjoni tal-vettura;
- (b) propulsjoni elettrika awżiljari armati fuq vettura ddisinjata biex taħdem bil-pedali;
- (95) “vettura b’ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu” tfisser vettura mħaddma minn ċellola tal-fjuwil li tikkonverti l-enerġija kimika mill-idroġenu f’enerġija elettrika, għall-propulsjoni tal-vettura;
- (96) “punt R” jew “punt ta’ referenza ta’ pożizzjoni bilqiegħda” tfisser punt ta’ disinn definit mill-manifattur tal-vettura għal kull pożizzjoni bilqiegħda u stabbilit fir-rigward tas-sistema tridimensjonali ta’ referenza;
- Ir-referenzi f’dan ir-Regolament għal rekwiżiti, proċeduri jew arranġamenti stipulati f’dan ir-Regolament għandhom jinqraw b’hal referenzi għal dawk ir-rekwiżiti, proċeduri jew arranġamenti stipulati kemm f’dan ir-Regolament kif ukoll fl-atti delegati jew ta’ implimentazzjoni adottati taħt dan ir-Regolament.
- Artikolu 4**
- Kategoriji ta’ vetturi**
1. Vetturi tal-kategorija L jinkludu vetturi motorizzati b’żewġ, tliet u erba’ roti kif ikkategorizzati f’dan l-Artikolu u fl-Anness I, inkluż roti motorizzati, mopeds b’żewġ jew tliet roti, muturi b’żewġ jew tliet roti, muturi bis-sidecar, quads tat-triq ħfief jew tqal, u kwadrimobbli ħfief jew tqal.
2. Għall-iskopijiet ta’ dan ir-Regolament, il-kategoriji u s-subkategoriji tal-vetturi li ġejjin għandhom japplikaw, kif deskritt fl-Anness I:
- (a) vettura tal-kategorija L1e (vettura motorizzata ħafifa b’żewġ roti), subkategorizzata fi:
- (i) Vettura L1e-A (rota motorizzata);
- (ii) Vettura L1e-B (moped b’żewġ roti);
- (b) vettura tal-kategorija L2e (moped bi tliet roti) subkategorizzata fi:
- (i) vettura L2e-P (moped bi tliet roti iddisinjat għat-trasport tal-passiġġieri);
- (ii) vettura L2e-U (moped bi tliet roti iddisinjat għal-finijiet utilitarji);
- (c) vettura tal-kategorija L3e (mutur b’żewġ roti), subkategorizzata fi:
- (i) ir-rendiment tal-mutur ⁽¹⁾, subkategorizzata iktar fi:
- vettura L3e-A1 (mutur b’rendiment baxx),
- Vettura L3e-A2 (mutur b’rendiment medju),
- Vettura L3e-A3 (mutur b’rendiment għoli);
- (ii) użu speċjali:
- mutur Enduro L3e-A1E, L3e-A2E jew L3e-A3E,
- mutur Trial L3e-A1T, L3e-A2T jew L3e-A3T;
- (d) vettura tal-kategorija L4e (mutur b’żewġ roti bis-side-ċar);
- (e) vettura tal-kategorija L5e (triċiklu motorizzata), subkategorizzata fi:
- (i) vettura L5e-A (triċiklu), vettura ddisinjata prinċipalment għat-trasport tal-passiġġieri;
- (ii) vettura L5e-B (triċiklu kummerċjali), triċiklu utilitarju ddisinjata esklussivament għall-ġarr tal-oġġetti;
- (f) vettura tal-kategorija L6e (quad ħafif), subkategorizzata fi:
- (i) vettura L6e-A (quad tat-triq ħafif);
- (ii) vettura L6e-B (kwadrimobbli ħafif), subkategorizzata iktar fi:
- vettura L6e-BU (kwadrimobbli ħafif għal finijiet utilitarji): vettura utilitarja ddisinjata esklussivament għall-ġarr tal-oġġetti,
- vettura L6e-BP (kwadrimobbli ħafif għall-ġarr tal-passiġġieri): vettura ddisinjata primarjament għall-ġarr tal-passiġġieri;
- (g) vettura tal-kategorija L7e (kwadriċikli tqal), subkategorizzata fi:

⁽¹⁾ Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18); ara d-definizzjonijiet ta’ prestazzjoni, kategoriji A1 u A2, fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(3).

- (i) vettura L7e-A (quad tat-triq tqil), subkategorizzat fi:
- L7e-A1: Quad A1 tat-triq,
 - L7e-A2: Quad A2 tat-triq;
- (ii) vettura L7e-B (quad għal kull tip ta' terren tqil), subkategorizzat fi:
- L7e-B1: quad għal kull tip ta' terren,
 - L7e-B2: buggy ġenb ma' ġenb;
- (iii) vettura L7e-Ce (kwadrimobbli tqil), subkategorizzat fi:
- vettura L7e-CU: (kwadrimobbli ħafif għal finijiet utilitarji) vettura utilitarja ddisinjata esklussivament għall-ġarr tal-oġġetti,
 - vettura L7e-CP: (kwadrimobbli ħafif għall-ġarr tal-passiġġieri) vettura ddisinjata primarjament għall-ġarr tal-passiġġieri.

3. Il-vetturi tal-kategorija L elenkati fil-paragrafu 2 huma kklassifikati ulterjorment skont il-propulsjoni tal-vettura:

- (a) propulsjoni b'magna tal-kombustjoni interna:
- compression ignition (CI),
 - positive ignition (PI);
- (b) propulsjoni b'magna tal-kombustjoni esterna, turbina jew magna bil-pistins rotanti, li biha, għall-iskop tal-konformità mar-rekwiżiti ambjentali u tas-sikurezza funzjonali, vettura mgħammra b'dan it-tip ta' propulsjoni titqies l-istess bħal vettura bil-propulsjoni ta' magna ta' kombustjoni interna PI;
- (c) propulsjoni b'magna li taħdem b'arja diġà kkompresata u ma tarmix livelli ogħla ta' sustanzi li jniġġsu u/jew gassijiet inertji mil-livelli preżenti fl-arja normalment, u fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza u l-ħżin u l-provvista tal-fjuwil, din il-vettura titqies bħal vettura li topera bil-gass;
- (d) propulsjoni b'magna elettrika;
- (e) vettura ibrida li tgħaqqad kull konfigurazzjoni ta' propulsjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d) ta' dan il-paragrafu jew kull taħlita multipla ta' dawn il-konfigurazzjonijiet ta' propulsjoni inkluż magni multipli tal-kombustjoni u/jew elettriċi.

4. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-vetturi tal-kategorija L fil-paragrafu 2, vettura li ma taqax taħt ċerta kategorija billi teċċedi għall-inqas wieħed mill-kriterji stipulati għal dik il-kategorija, taqa' fil-kategorija li jmiss li tissodisfa l-kriterji tagħha. Dan japplika għall-gruppi li ġejjin ta' kategoriji u subkategoriji:

- (a) il-kategorija L1e bis-subkategoriji tagħha L1e-A u L1e-B u l-kategorija L3e bis-subkategoriji tagħha L3e-A1, L3e-A2 u L3e-A3;

- (b) il-kategorija L2e u l-kategorija L5e bis-subkategoriji tagħha L5e-A u L5e-B;

- (c) il-kategorija L6e bis-subkategoriji tagħha L6e-A u L6e-B u l-kategorija L7e bis-subkategoriji tagħha L7e-A, L7e-B u L7e-C;

- (d) kull sekwenza loġika oħra ta' kategoriji u/jew subkategoriji proposta mill-manifattur u approvata mill-awtorità tal-approvazzjoni.

5. Minkejja l-kriterji ta' (sub)kategorizzazzjoni stabbilit fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Anness I, għandhom japplikaw kategoriji addizzjonali kif stabbilit fl-Anness V, biex il-proċeduri ta' ttestjar ambjentali jkunu armonizzati fil-livell internazzjonali b'referenza għar-regolamenti tal-UNECE u għar-regolamenti globali tekniċi tal-UNECE.

Artikolu 5

Determinazzjoni tal-massa f'kundizzjoni ta' sewqan

1. Il-massa f'kundizzjoni ta' sewqan ta' vettura tal-kategorija L għandha tiġi ddeterminata billi titkejjel il-massa tal-vettura mhux mgħobbija u lesta għall-użu normali u għandha tinkludi l-massa ta':

- (a) l-likwidu;
- (b) t-tagħmir standard bi qbil mal-ispeċifikazzjonijiet tal-manifattur;
- (c) l-fjuwil fit-tankijiet tal-fjuwil mimlijin sa tal-anqas 90 % tal-kapaċità tagħhom.

Għall-iskopijiet ta' dan il-punt:

- (i) jekk il-propulsjoni tal-vettura ssir permezz ta' "fjuwil likwidu" dan għandu jitqies bħala l-"fjuwil";
- (ii) jekk il-propulsjoni tal-vettura ssir permezz ta' "taħlita ta' fjuwil/żejt" likwida:

— jekk il-fjuwil għall-propulsjoni tal-vettura u ż-żejt tal-lubrikazzjoni jitħalltu minn qabel din il-"premix-xela" għandha titqies bħala l-"fjuwil",

— jekk il-fjuwil għall-propulsjoni tal-vettura u ż-żejt tal-lubrikazzjoni jinħażnu separatament allura biss il-"fjuwil" għall-propulsjoni tal-vettura għandu jitqies bħala l-"fjuwil"; jew

- (iii) jekk il-propulsjoni ta' vettura ssir permezz ta' fjuwil gassuż, fjuwil gassuż likwifikat jew inkella arja kkompresata, il-massa tal-'fjuwil' fit-tank(ijiet) tal-fjuwil gassuż tista' tiġi f'fissata bħala 0 kg;

- (d) l-body, il-kabina, il-bibien; u
- (e) l-ħġieġ, il-coupling, ir-roti sper kif ukoll l-għodod.
2. Il-massa f'kundizzjoni ta' sewqan ta' vettura tal-kategorija L għandha teskludi l-massa ta':
- (a) s-sewwieq (75 kg) u tal-passiġġier (65 kg);
- (b) l-magni jew tat-tagħmir installati fl-erja tal-pjattaforma tat-tagħbija;
- (c) fil-każ ta' vettura ibrida jew purament elettrika, l-batteriji ta' propulsjoni;
- (d) fil-każ ta' vetturi li jieħdu fjuwil wieħed, żewġ fjuwils jew fjuwils multipli, sistema tal-fjuwil gassuż kif ukoll it-tankijiet ta' ħżin tal-fjuwil gassuż; u
- (e) fil-każ ta' propulsjoni bl-arja prekumpressa, t-tankijiet ta' ħżin tal-arja kumpressa.

KAPITOLU II

OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 6

Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip kompetenti fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kompetenti fi kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-twaqqif u l-ħatra ta' tali awtoritajiet.

L-att ta' notifika tal-awtoritajiet ta' approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq għandu jinkludi l-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, u l-qasam ta' responsabbiltà tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista u d-dettalji tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fis-sit elettroniku tagħha.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz biss ta' dawk il-vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu, jillimitaw jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għal raġunijiet relatati ma' aspetti tal-kostruzzjoni u l-funzjonament tagħhom koperti minn dan ir-Regolament, jekk huma jissodisfaw ir-rekwiżiti tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq skont il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 7

Obbligi tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw li l-manifatturi li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom japprovaw biss dawk il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Miżuri tas-sorveljanza tas-suq

1. Għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li għandhom approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu, fuq skala adegwata, kontrolli xierqa tad-dokumenti, filwaqt li jqisu l-prinċipji stabbiliti l-valutazzjoni tar-riskju, l-ilmenti u informazzjoni oħra.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jesigū li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu tali dokumentazzjoni u informazzjoni disponibbli skont kif ikun meqjus meħtieġ biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom.

Fejn l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw ċertifikati ta' konformità, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iqisu debitament dawn iċ-ċertifikati.

2. Għall-komponenti u tagħmir għajr dawk koperti bil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika fl-intier tiegħu l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 9

Obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li meta l-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jitqiegħdu fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz, dawn ikunu manifatturati u approvati skont ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

2. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, kull manifattur għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati miżjuda fl-istadju tat-tlestija tal-vettura mmaniġġata mill-manifattur. Kull manifattur li jimmodifika komponenti jew sistemi diġà approvati fl-istadji ta' qabel għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni ta' dawk il-komponenti u s-sistemi modifikati.

3. Il-manifatturi li jimmodifikaw il-vettura mhux kompleta b'tali mod li hija tikkwalifika bħala kategorija differenti ta' vettura, bil-konsegwenza li r-rekwiżiti legali li diġà jkunu ġew evalwati fi stadju preċedenti ta' approvazzjoni jinbidlu, għandhom ukoll ikunu responsabbli mill-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-kategorija ta' vetturi li fiha tikkwalifika l-vettura modifikata.

4. Għall-iskopijiet tal-approvazzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati koperti minn dan ir-Regolament, manifatturi stabbiliti barra mill-Unjoni għandhom jaħtru rappreżentant wieħed stabbilit fl-Unjoni biex jirrappreżentahom quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni.

5. Manifatturi stabbiliti lil hinn mill-Unjoni għandhom, barra minn hekk, jaħtru rappreżentant wieħed stabbilit fi ħdan l-Unjoni għall-finijiet ta' sorveljanza tas-suq, li jista' jkun ir-rappreżentant li hemm referenza għalih fil-paragrafu 4 jew rappreżentant addizzjonali.

6. Il-manifatturi għandhom ikunu responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni, kemm jekk il-manifattur ikun involut direttament fl-istadji kollha tal-bini ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kif ukoll jekk le.

7. Skont dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, il-manifatturi għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' f'konformità mat-tip approvat. It-tibdiliet fid-disinn ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jew fil-karatteristiċi u tibdiliet fir-rekwiżiti li għalihom vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkunu ddikjarati li jikkonformaw magħhom għandhom jitqiesu skont il-Kapitolu VI.

8. Barra mill-marki statutorji u l-marki tal-approvazzjoni tat-tip imwahnha mal-vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati tagħhom skont l-Artikolu 39, il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata u l-indirizz fl-Unjoni li fih jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati tagħhom magħmula disponibbli fis-suq jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-ippakkjar jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent jew l-unità teknika separata.

9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li, filwaqt li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport ma jippreġudikawx il-konformità tagħha mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Obbligi tal-manifatturi rigward prodotti tagħhom li ma jkunux konformi jew li jippreżentaw riskju serju

1. Il-manifatturi li jqisu jew għandhom għalfejn jaħsbu li l-vettura, komponent jew unità teknika separata tagħhom li tqiegħdet fis-suq jew iddaħħlet fis-servizz mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament jew l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dik il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tinġieb f'konformità, tiġi rtirata jew imsejħa lura, skont kif ikun xieraq.

Il-manifattur għandu minnufih jinforma lill-awtorità ta' approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji, b'mod partikolari, tan-nonkonformita u ta' kwalunkwe miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu.

2. Meta l-vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir tippreżenta riskju serju, il-manifatturi għandhom minnufih jinfurmaw b'dan lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir tkun saret disponibbli fis-suq jew iddaħħlet fis-servizz, u jagħtu d-dettalji, partikolarment tan-nuqqas ta' konformità u kull miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu l-pakkett ta' informazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 29(10) u, barra minn hekk, il-manifattur tal-vettura għandu jżomm kopja taċ-ċertifikati ta' konformità li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 38 għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perjodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura, u għal perjodu ta' ħames snin għal sistema, komponent jew unità teknika separata.

4. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdu lil dik l-awtorità permezz tal-awtorità ta' approvazzjoni kopja taċ-ċertifikat tal-UE ta' approvazzjoni tat-tip jew l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 51(1) li turi l-konformità tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, bi lsen li jista' jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Il-manifatturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali dwar kwalunkwe azzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li jkunu tqiegħdu fis-suq, ġew irreġistrati jew iddaħħlu fis-servizz.

Artikolu 11

Obbligi tar-rappreżentanti tal-manifattur fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq

Ir-rappreżentant tal-manifattur għas-sorveljanza tas-suq għandu jwettaq il-ħidmiet speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mill-manifattur. Dak il-mandat għandu jippermetti li rappreżentant għall-inqas jagħmel dan li ġej:

(a) ikollu aċċess għall-fajl tal-informazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 27 u ċ-ċertifikati ta' konformità li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 38 biex ikunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perjodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-vettura, u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata.

(b) isegwi rikjesta motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew tas-sorveljanza tas-suq, fuq it-talba tagħhom, dwar kull azzjoni meħuda biex telimina r-riskju serju li jirrappreżentaw vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parti-jiet jew tagħmir koperti mill-mandat tagħhom.

Artikolu 12

Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li jew ikunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni nazzjonali, jew partijiet jew tagħmir għalkollox soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Qabel ma jqiegħdu fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'approvazzjoni tat-tip, l-importaturi għandhom jiżguraw li hemm pakkett ta' informazzjoni konformi mal-Artikolu 29(10), u li s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata għandha l-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa u hija konformi mal-Artikolu 9(8). Fil-każ ta' vettura, l-importatur għandu jivverifika li l-vettura jkollha magħha ċ-ċertifikat ta' konformità meħtieġ.

3. Meta importaturi jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, parti jew tagħmir ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u partikolarment li ma tikkonformax mal-approvazzjoni tat-tip tagħha, huma ma għandhomx iqiegħdu fis-suq, jippermettu li tidħol fis-servizz jew jirreġistraw il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sakemm tinġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, parti jew tagħmir tippreżenta riskju serju, għandhom jinfurmaw lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'dan. Għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ta' tip approvat, għandhom ukoll jinformaw b'dan lill-awtorita ta' approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni.

4. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir, jew, jekk dan ma jkunx possibbli fuq l-ippakkjar tagħha jew f'dokument li jakkumpanja s-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-parti jew it-tagħmir.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun akkumpanjata mill-istruzzjonijiet u l-informazzjoni, kif rikjest skont l-Artikolu 55, fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istati Membri kkonċernati.

6. L-importaturi għandhom jiżguraw li, filwaqt li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

7. Meta jitqies meħtieġ fir-rigward tar-riskji serji preżentati minn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata,

parti jew tagħmir, l-impurtaturi, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, għandhom jinveſtigaw u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti u ta' teħid lura ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, partijiet jew tagħmir u għandhom iżommu lid-distributuri infurmati dwar dan il-monitoraġġ.

Artikolu 13

Obbligi tal-manifatturi rigward prodotti tagħhom li ma jkunx konformi jew li jippreżentaw riskju serju

1. L-importaturi li jqisu jew għandhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tagħhom li jkunu qiegħdu fis-suq mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dik il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tinġieb f'konformità, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura, skont kif ikun xieraq.

2. Fejn vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir jippreżentaw riskju serju, l-importaturi għandhom minnufih jinfurmaw lill-manifattur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħduhom fis-suq. L-importatur għandu wkoll jinfurmahom b'kull azzjoni meħuda u jagħti dettalji, partikolarment dwar ir-riskju serju u kull miżura korrettiva li tkun ittieħdet mill-manifattur.

3. L-importaturi għandhom, għal perjodu ta' 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-vettura u għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin mid-dħul fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, iżommu kopja ta' ċertifikat ta' konformità għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li l-pakkett ta' informazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 29(10) ikun jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawn l-awtoritajiet meta dawn jitolbu.

4. L-importaturi għandhom, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, bi l-sien li jinftehem faċilment minn dik l-awtorità. L-importaturi għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji li tirrappreżenta vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir li jkunu qiegħdu fis-suq.

Artikolu 14

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jkunu qed jagħmlu vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, parti jew tagħmir disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta fir-rigward tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Qabel it-tqegħid għad-disponibilità fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom l-immakar statutorju jew il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa, li jkunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa u minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata għandha titqiegħed għad-disponibilità fis-suq jew tiddaħħal fis-servizz, u li l-importatur u l-manifattur ikunu mxew mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12(2) u (4) u l-Artikolu 39(1) u (2).

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, filwaqt li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħżin jew tat-trasport ma jippreġudikawx il-konformità tagħha mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Obbligi tad-distributuri rigward prodotti tagħhom li ma jkunux konformi jew li jippreżentaw riskju serju

1. Meta d-distributuri jqisu jew ikollhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, ma għandhomx jagħmlu disponibbli fis-suq, jirreġistraw jew idaħħlu fis-servizz il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata sakemm ma inġiebet f'konformità.

2. Id-distributuri li jqisu jew għandhom għalfejn jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tagħhom li jkunu għamlu disponibbli fis-suq jew irreġistraw jew li jkunu responsabbli għad-dħul tagħhom fis-servizz, ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, għandhom jinfurmaw lill-manifattur jew lir-rappreżentant tal-manifattur sabiex jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dik il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tinġieb f'konformità jew tissejjaħ lura, jekk ikun xieraq, f'konformità mal-Artikolu 10(1) jew l-Artikolu 13(1).

3. Fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-parti jew it-tagħmir tippreżenta riskju serju, id-distributuri għandhom minnufih jinfurmaw lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħduhom fis-suq. Id-distributur għandu wkoll jinfurmahom b'kull azzjoni meħuda u jagħti dettalji, partikolarment dwar ir-riskju serju u kull miżura korrettiva li tkun ittieħdet mill-manifattur.

4. Id-distributuri għandhom, fuq talba motivata ta' awtorità nazzjonali, jiżguraw li l-manifattur jipprovd lill-awtorità nazzjonali l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10(4) jew li l-importatur jipprovd lill-awtorità nazzjonali l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 13(3). Għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba tagħha, rigward kwalunkwe azzjoni meħuda f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-parti jew it-tagħmir li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq.

Artikolu 16

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies manifattur għall-iskoppjiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 9 sa 11, fejn l-importatur jew id-distributur jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew ikun responsabbli għad-dħul fis-servizz ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata taħt ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu jew jimmodifika vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

Artikolu 17

Identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi

L-operaturi ekonomiċi għandhom, jekk mitluba, jidentifikaw dan li ġej lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq, għal perjodu ta' 10 snin fil-każ ta' vettura u għal ħames snin fil-każ ta' sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir:

- kull operatur ekonomiku li jkun fornillhom vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir;
- kull operatur ekonomiku li jkunu fornawlu vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir.

KAPITOLU III

REKWIŻITI SOSTANTIVI

Artikolu 18

Rekwiżiti sostantivi ġenerali

1. Vetturi tal-kategorija L u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti elenkati fl-Anness II sa VII applikabbli għall-kategoriji/għas-subkategoriji tal-vettura.

2. Vetturi tal-kategorija L jew is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom, li l-kompatibilità elettromanjaetika tagħhom hija indirizzata bis-sħiħ fl-atti delegati imsemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu rigward il-bini tal-vetturi u l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, m'għandhomx ikunu soġġetti għad-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika⁽¹⁾.

3. Sabiex tikkompleta r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategorija L stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward ir-rekwiżiti tekniċi dettaljati u l-proċeduri tal-ittestjar kif mogħtija fil-qosor fl-Anness II(A), (B) u (C), biex b'hekk tiżgura livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni ambjentali kif definiti fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament. L-ewwel tali att delegat għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2014.

⁽¹⁾ ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

Artikolu 19

Projbizzjoni tal-apparat ta' invalidazzjoni

L-użu ta' apparat ta' invalidazzjoni li jnaqqas l-effikaċja tas-sikurezza, il-kompatibilità elettromanjetika, is-sistema dijanjostika abbord, is-sistemi tat-tnaqqis tal-istorbju jew tas-sistemi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu għandu jġi pprojbit. Element tad-disinn ma għandux jitqies bħala apparat ta' invalidazzjoni jekk kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tiġi sodisfatta:

- (a) il-bżonn tal-apparat huwa ġġustifikat għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-magna mill-ħsara jew inċidenti u għat-tħaddim fis-sigurtà tal-vettura;
- (b) it-tagħmir ma jaħdimx għajr għall-ħtiġijiet tal-istartjar tal-magna;
- (c) il-kundizzjonijiet tat-tħaddim huma inklużi sa punt sostanzjali fil-proċeduri tat-test għall-verifika tal-konformità tal-vettura ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 20

Miżuri li jirrigwardaw il-modifiki għall-grupp tal-propulsjoni tal-vetturi għall-manifatturi

1. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jgħammru l-vetturi tal-kategorija L bl-eċċezzjoni tas-subkategoriji L3e-A3 u L4e-A3, b'karatteristiċi ddeżinjati biex jipprevjenu t-tbagħbis tal-grupp tal-propulsjoni tal-vettura, permezz ta' serje ta' rekwiżiti u speċifikazzjonijiet tekniċi bil-għan:

- (a) tal-prevenzjoni tal-modifiki li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza, partikolarment billi jiżdied ir-rendiment tal-vettura bit-tbagħbis tal-grupp tal-propulsjoni sabiex jiżdied it-torque/massimu u/jew il-potenza u/jew l-ogħla veloċità li l-vettura ġiet iddisinjata għaliha li jkunu ġew stabbiliti debitament tul il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip kif segwita mill-manifattur tal-vettura; u/jew
- (b) tal-prevenzjoni tal-ħsara lill-ambjent.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward ir-rekwiżiti speċifiċi dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u biex tiffaċilita l-konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

3. Wara modifika tal-grupp tal-propulsjoni, vettura għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tekniċi tal-kategorija u s-subkategorija inizjali tal-vetturi, jew jekk applikabbli, il-kategorija u s-subkategorija l-ġdida tal-vetturi, li kienu fis-seħħ meta l-vettura oriġinali tkun tqiegħdet fis-suq, ġiet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz, inklużi l-aħħar emendi lir-rekwiżiti.

Fejn il-manifattur tal-vettura jiddisinja l-grupp tal-propulsjoni ta' tip ta' vettura b'tali mod li jippermetti l-modifikazzjoni tagħha bl-effett li vettura ma tibqax konformi mat-tip approvat, iżda tikkorrispondi għal varjant jew verżjoni addizzjonali, il-manifattur tal-vettura għandu jinkludi fl-applikazzjoni l-informazzjoni rilevanti għal kul varjant jew verżjoni maħluqa b'dan il-

mod u kull varjant jew verżjoni għandu jikseb approvazzjoni tat-tip espliċita. Jekk il-vettura modifikata ta' f'kategorija jew f'subkategorija ġdida, għandha ssir applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ġdida.

4. Bla preġudizzju għall-paragrafu 1, biex jiġu evitati modifiki jew aġġustamenti b'effetti ħżiena fuq is-sikurezza funzjonali jew fuq il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, il-manifattur għandu jagħmel ħiltu li jipprevjeni, permezz tal-aqwa Prattika tal-Inġinerija, li tali modifiki jew aġġustamenti jkunu teknikament possibbli, għajr jekk dawn il-modifiki jew aġġustamenti jkunu espliċitament dikjarati u inklużi fil-fajl tal-informazzjoni u b'hekk ikunu koperti mill-approvazzjoni tat-tip.

Artikolu 21

Rekwiżiti ġenerali għas-sistemi dijanjostiċi abbord

1. Vetturi tal-kategorija L għandhom ikunu mgħammra b'sistema OBD li tikkonforma mar-rekwiżiti funzjonali u mal-proċeduri tal-ittestjar kif stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 5 u mid-dati ta' applikazzjoni stipulati fl-Anness IV.

2. Mid-dati stipulati fil-punt 1.8.1 tal-Anness IV, il-kategoriji/is-subkategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e-A L6e-A u L7e-A għandhom ikunu mgħammra b'sistema OBD tal-istadju I li timmonitorja għal kwalunkwe falliment taċ-ċirkwit elettriku u tal-elettronika tas-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet u tirraporta dawk il-fallimenti li jirriżultaw fi qbiż tal-livelli ta' limitu tal-emissjonijiet kif stabbiliti fl-Anness VI (B1).

3. Mid-dati stipulati fil-punt 1.8.2 tal-Anness IV, il-kategoriji/is-subkategoriji tal-vetturi L3e sa L7e għandhom ikunu mgħammra b'sistema OBD tal-istadju I li timmonitorja għal kwalunkwe falliment taċ-ċirkwit elettriku u tal-elettronika tas-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet u li tiġi skattata meta jkunu qed jinqabżu l-livelli ta' limitu tal-emissjonijiet kif stabbiliti fl-Anness VI (B2). Sistemi OBD tal-istadju I għal dawk il-kategoriji/is-subkategoriji tal-vetturi għandhom ukoll jirrapportaw l-iskattar ta' kwalunkwe mod ta' operazzjoni li jnaqqas it-torque tal-magna b'mod sinifikanti.

4. Mid-dati stipulati fil-punt 1.8.3 tal-Anness IV u soġġett għall-Artikolu 23(5), il-kategoriji/is-subkategoriji ta' vetturi L3e, L5e-A L6e-A u L7e-A għandhom minn barra hekk ikunu mgħammra b'sistema OBD tal-istadju II li timmonitorja u tirrapporta fallimenti u degradazzjoni tas-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet li jirriżultaw fi qbiż tal-livelli ta' limitu tal-emissjonijiet kif stabbiliti fl-Anness VI (B2).

5. Sabiex tarmonizza r-rappurtar tas-sistema OBD dwar fallimenti tas-sikurezza funzjonali jew tas-sistema tal-kontroll tal-emissjonijiet u tiffaċilita t-tiswija effikaċi u effiċjenti ta' vettura, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward ir-rekwiżiti tekniċi dettaljati marbuta mas-sistema dijanjostika abbord, inklużi r-rekwiżiti OBD funzjonali u l-proċeduri tat-test għal dawk is-suġġetti elenkati fil-paragrafi 1 sa 4 u kif li hemm referenza għalih fl-Anness II (C) 11 u t-test ta' tip VIII li hemm referenza għalih fl-Anness V.

Artikolu 22

Rekwiżiti għas-sikurezza funzjonali tal-vetturi

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi jiġu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'mod li jiġi minimizzat ir-riskju ta' korriment għall-okkupanti tal-vettura u għal utenti oħra tat-triq.

2. Il-manifattur għandu jiżgura li s-sikurezza funzjonali tal-vettura tibqa' matul il-ħajja normali tal-vettura jekk din tintuża taħt kundizzjonijiet normali u ssirilha manutenzjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur. Il-manifattur għandu jagħti dikjarazzjoni fil-fajl tal-informazzjoni li tikkonferma li l-felħan tul iż-żmien tas-sistemi, il-partijiet u t-tagħmir li jkunu kritiċi għas-sikurezza funzjonali jkun żgurat permezz ta' ttestjar adegwat u l-użu ta' prattiki tajba tal-inġinerija.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stipulati fl-Annessi II u VII u jikkonformaw mal-proċeduri tat-test u r-rekwiżiti tar-rendiment kif stipulati f'att delegat adottat skont il-paragrafu 5.

4. Komponenti ta' vetturi li r-riskji tagħhom ta' natura elettrika huma indirizzati bis-sħiħ fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, m'għandhomx ikunu soġġetti għad-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ⁽¹⁾.

5. Sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq livell għoli ta' sikurezza funzjonali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 dwar ir-rekwiżiti speċifiċi elenkati fl-Anness II (B) rigward is-sikurezza funzjonali tal-vetturi u, fejn applikabbli, tibbaża fuq ir-rekwiżiti msaħħa tas-sikurezza funzjonali stabbiliti fl-Anness VIII. L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta fit-tieni pass, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, att delegat skont l-Artikolu 75, sabiex tarmonizza r-rekwiżiti u t-testijiet tul il-ħajja normali għall-iżgurar tal-integrità strutturali tal-vettura kif stabbiliti fl-Anness II (B) 17.

7. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mudell għad-dikjarazzjoni tal-manifattur. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

Artikolu 23

Rekwiżiti għar-rendiment ambjentali

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi jiġu ddisinjati, mibnija u mmuntati b'mod li l-impatt fuq l-ambjent jiġi

mminimizzat. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-vetturi bl-approvazzjoni tat-tip jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-rendiment ambjentali kif stipulati fl-Annessi II, V u VI u u fi ħdan il-kilometraġġ ta' durabilità kif stabbilit fl-Anness VII.

2. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-proċeduri tat-testijiet u r-rekwiżiti tat-testijiet kif stipulati fl-Anness V fi ħdan id-dati ta' applikazzjoni stabbiliti fl-Anness IV li għandhom jiġu stipulati f'att delegat adottat skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-verifika tar-rekwiżiti tad-durabilità jiġu sodisfatti. Il-manifattur għandu jagħżel waħda mill-proċeduri tat-test tad-durabilità li ġejjin li għandha tintuża biex tingħata evidenza lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li r-rendiment ambjentali ta' vettura bl-approvazzjoni tat-tip għandu d-durabilità:

(a) ittestjar tad-durabilità reali b'akkumulazzjoni tal-kilometraġġ sħiħ:

Il-vetturi tat-test għandhom jakkumulaw fiżikament id-distanza sħiħa stabbilita fl-Anness VII(A) u għandhom jiġu ttestjati skont il-proċedura stipulata fit-test tat-tip V kif stipulati fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu. Ir-riżultati tat-test tal-emissjonijiet sal-ilħiq tad-distanza sħiħa u inkluża dik id-distanza sħiħa stabbilita fl-Anness VII(A) għandhom ikunu aktar baxxi mil-limiti ambjentali stipulati fl-Anness VI(A);

(b) ittestjar tad-durabilità reali b'akkumulazzjoni tal-kilometraġġ parzjali:

Il-vetturi tat-test għandhom jakkumulaw fiżikament minimu ta' 50 % tad-distanza sħiħa stabbilita fl-Anness VII(A) u għandhom jiġu ttestjati skont il-proċedura stipulata fit-test tat-tip V kif stipulati fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 12 ta' dan l-Artikolu. Kif speċifikat f'dak l-att, ir-riżultati tat-testijiet għandhom jiġu estrapolati sad-distanza sħiħa stabbilita fl-Anness VII(A). Sew ir-riżultati tat-test kif ukoll ir-riżultati tal-estrapolazzjoni għandhom ikunu aktar baxxi mil-limiti ambjentali stipulati fl-Anness VI(A);

(c) proċedura matematika tad-durabilità:

Għal kull kostitwent tal-emissjonijiet, il-prodott tal-multiplikazzjoni tal-fattur ta' deterjorament stabbilit fl-Anness VII(B) u r-riżultat tat-test ambjentali ta' vettura li tkun akkumulat aktar minn 100 km wara li tkun tħaddmet għall-ewwel darba fi tmiem il-linja ta' produzzjoni għandu jkun aktar baxxi mil-limitu ambjentali stipulati fl-Anness VI(A).

⁽¹⁾ ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10.

4. Sal-1 ta' Janjar 2016, il-Kummissjoni għandha twestjaq studju komprensiv tal-effett ambjentali. L-istudju għandu jevalwa l-kwalità tal-arja u s-sehem tas-sustanzi li jniġġsu għall-vetturi tal-kategorija L u għandu jkopri r-rekwiżiti tat-tipi ta' testijiet I, IV, V, VII u VIII elenkati fl-Anness V.

Hija għandha tiġbor u tevalwa l-aħħar data xjentifika, is-sejbiet tar-riċerka xjentifika, l-immudellar u l-effiċjenza tal-ispejjeż bil-ħsieb li jiġu stabbiliti miżuri politiċi definitivi bil-konferma u l-istabiliment finali tal-infurzar ta' Euro 5 stipulati fl-Anness IV u r-rekwiżiti ambjentali Euro 5 stipulati fl-Annessi V, fl-Anness VI (A2), (B2) u (C2) fir-rigward tal-kilometraġġi ta' durabilità u fatturi ta' deterjorament ta' Euro 5.

5. Abbażi tas-sejbiet li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2016 tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar li ġej:

- (a) id-dati tal-infurzar tal-livell Euro 5 msemija fl-Anness IV;
- (b) il-limiti tal-emissjonijiet Euro 5 msemija fl-Anness VI(A2) u l-limiti OBD fl-Anness VI(B2);
- (c) li t-tipi ta' vetturi l-ġodda kollha fil-kategoriji/fis-subkategoriji L3e, L5e, L6e-A u L7e-A għandhom, barra mill-istadju I tal-OBD, jiġu mġhamra bl-istadju II tal-OBD fil-livell Euro 5;
- (d) l-kilometraġġi tad-durabilità għal-livell Euro 5 msemija fl-Anness VII(A) u l-fatturi ta' deterjorament għal-livell Euro 5 msemija fl-Anness VII(B).

Il-Kummissjoni għandha taġmel kalunkwe proposta leġiżlattiva fid-dawl ta' dak ir-rapport.

6. Abbażi tar-riżultati tal-istudju tal-effett ambjentali, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 75 li jistipula liema mill-kategoriji/mis-subkategoriji L1e-A, L1e-B, L2e, L5e-B, L6e-B, L7e-B u L7e-C għal-livell Euro 5 għandhom ikunu soġġetti għall-ittestjar SHED jew għall-ittestjar tal-permeazzjoni tat-tank tal-fjuwil u tat-tubi, bil-limiti tat-test elenkati fl-Anness VI(C2).

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li vetturi tal-kategorija L jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittestjar applikabbli rigward ir-rendiment ambjentali għall-approvazzjoni u l-estensjonijiet kif stabbilit fl-Anness V (A).

8. Fir-rigward tal-ittestjar tat-tip I, il-limitu tal-emissjonijiet relevanti għal test tat-tip I għall-muturi L3e-AxE (Enduro, x = 1, 2 jew 3) u L3e-AxT (Trial, x = 1, 2 jew 3) għandu jkun is-somma ta' L₂ (THC) u L₃ (NO_x) tal-Anness VI (A). Ir-riżultati tat-test tal-emissjonijiet (NO_x + THC) għandu jkun anqas minn jew ugwali għal dan il-limitu (L₂ + L₃).

9. Il-vetturi tal-kategorija L4e għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ambjentali stipulati fl-Anness V għall-vetturi tal-kategorija L3e; fejn għat-testijiet tat-tipi I, IV, VII u VIII tal-Anness V jew jiġi ttestjat l-assemblaġġ komplut tal-vettura motorizzata ta' bażi armata bis-side-ċar jew inkella tiġi ttestjata biss il-vettura motorizzata ta' bażi mingħajr is-side-ċar skont kif ikun fl-oku.

10. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li kull taġmir sostitut għall-kontroll tat-tniġġis li jitqiegħed fis-suq jew ikun se jiddaħħal fis-servizz fl-Unjoni jkollu l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament.

11. Ir-rekwiżiti msemija fil-paragrafi 1 u 10 għandhom japplikaw għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati skont l-Anness II.

12. Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati dwar ir-rekwiżiti ambjentali għas-suġġetti li għalihom hemm referenza fil-paragrafi 1, 2, 3, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu inklużi l-proċeduri tal-ittestjar.

Artikolu 24

Rekwiżiti ambjentali addizzjonali fir-rigward tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-konsum tal-fjuwil u l-konsum tal-enerġija elettrika u d-distanza bl-elettriku

1. L-emissjonijiet tad-CO₂ (id-diossidu tal-karbonju) għandhom jiġu determinati fiċ-ċiklu applikabbli tat-testijiet tal-laboratorju għall-emissjonijiet mill-manifattur u għandhom jiġu rrapportati mill-manifattur lill-awtorità tal-approvazzjoni. Il-konsum tal-fjuwil u/jew il-konsum tal-enerġija elettrika u d-distanza bl-elettriku għandhom jiġu kkalkulati jew abbażi tar-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju dwar l-emissjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip jew jitkejlu, attestati mis-servizz tekniku, u jiġi rrapportati lill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Ir-riżultat tal-kejl tad-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u d-distanza bl-elettriku ikkalkulati jew imkejla għandhom jiġu inklużi fil-fajl tal-informazzjoni kif speċifikat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 27(4) u l-informazzjoni relevanti għandha wkoll tiġi indikata fuq iċ-ċertifikat tal-konformità

Barra mill-indikazzjoni fuq iċ-ċertifikat tal-konformità, il-manifatturi għandhom jiżguraw li d-data dwar l-emissjonijiet tad-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u d-distanza bl-elettriku jingħataw lix-xerrej tal-vettura fil-waqt tax-xiri ta' vettura ġdida, f'għamla li jqisu xierqa.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa i tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward proċeduri tal-ittestjar tat-testijiet tat-tip VII dwar il-kalkolu tal-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂, il-konsum tal-fjuwil, il-konsum tal-enerġija elettrika u d-distanza bl-elettriku u dwar il-metodi tal-kejl.

KAPITOLU IV

PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 25

Proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Huwa u japplika għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura kompluta, il-manifattur jista' jagħżel waħda minn dawn il-proċeduri:

- (a) approvazzjoni tat-tip pass pass;
- (b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed;
- (c) approvazzjoni tat-tip imħallta.

Barra minn hekk, ilmanifattur tal-kategoriji ta' vetturi kif stabililit fil-paragrafu 5 jista' jagħżel approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

Biss il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed hija applikabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati.

2. L-approvazzjoni tat-tip pass pass għandha tikkonsisti fil-ġbir fi stadji ta' sett sħiħ ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma parti mill-vettura, u li jwassal, fl-aħħar stadju, għall-approvazzjoni tal-vettura sħiħa.

3. L-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed għandha tikkonsisti fl-approvazzjoni ta' vettura sħiħa permezz ta' operazzjoni waħda.

4. L-approvazzjoni tat-tip imħallta hija proċedura ta' approvazzjoni tat-tip pass pass li għaliha approvazzjoni tas-sistema waħda, jew aktar, tintlaħaq matul l-istadju finali tal-approvazzjoni tal-vettura sħiħa, mingħajr ma jkun meħtieġ li jinħarġu ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal dawk is-sistemi.

5. Fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, awtorità tal-approvazzjoni waħda jew iktar jiċċertifikaw li, skont kemm tkun kompluta, tip ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament.

L-approvazzjoni f'diversi stadji għandha tingħata fir-rigward ta' tip ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata li jikkonforma mad-dettalji fil-fajl ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 27 u li jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi speċifikati fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness II, wara li jitqies l-istat ta' tlestija tal-vettura.

6. L-approvazzjoni tat-tip għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta' vettura approvat fl-aħħar stadju jissodisfa f'dak il-waqt ir-rekwiżiti tekniċi kollha applikabbli. Dak għandu jinkludi verifika dokumentali tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip għal vettura mhux lesta mogħtija matul proċedura ta' diversi stadji, anke meta tkun ingħatat għal kategorija jew sottokategorija differenti ta' vettura.

L-approvazzjoni f'diversi stadji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandha tapplika biss għal vetturi tas-subkategoriji L2e -U, L4e, L5e-B, L6e-BU u L7e-CU

7. L-għażla tal-proċedura tal-approvazzjoni ma għandhiex taffettwa r-rekwiżiti sostantivi applikabbli li t-tip ta' vettura approvata għandu jikkonforma magħhom fil-waqt tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 dwar arranġamenti dettaljati fir-rigward tal-proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip. L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 26

Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip

1. Il-manifattur għandu jissottometti l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip lill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Tista' ssir biss applikazzjoni waħda fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata u dan jista' jsir fi Stat Membru wieħed biss.

3. Għandha ssir applikazzjoni separata għal kull tip li jrid jiġi approvat.

Artikolu 27

Il-fajl tal-informazzjoni

1. L-applikant għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni b'fajl tal-informazzjoni.

2. Il-fajl tal-informazzjoni għandu jinkludi dan li ġej:

- (a) dokument ta' informazzjoni;
- (b) kull data, dijagrammi, ritratti u kull informazzjoni oħra;
- (c) għall-vetturi, indikazzjoni tal-proċedura/i magħżula skont l-Artikolu 25(1);
- (d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità tal-approvazzjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' applikazzjoni.

3. Il-folder ta' informazzjoni jista' jingħata fuq il-karta jew f'format elettroniku kif ammissibbli mis-servizz tekniku u mill-awtorità ta' approvazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi mudelli għad-dokument ta' informazzjoni u għall-fajl ta' informazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 28

Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-informazzjoni li għandhom jingħataw fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip skont proċeduri differenti

1. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip pass pass għandha tkun akkumpanjata minn fajl tal-informazzjoni skont l-Artikolu 27 u mis-sett komplut ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip rikjesti skont kull att elenkati fl-Anness II.

Fil-każ tal-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, skont l-atti applikabbli elenkati fl-Anness II, l-awtorità tal-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-fajl ta' informazzjoni relatat sa dakinhar li l-approvazzjoni tingħata jew inkella tiġi rifjutata.

2. Applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed għandha tkun akkumpanjata minn fajl tal-informazzjoni previst fl-Artikolu 27 li jkun fih l-informazzjoni rilevanti skont l-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt dan ir-Regolament, fir-rigward ta' dawk l-atti applikabbli.

3. Fil-każ ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, il-fajl ta' informazzjoni għandu jkollu miegħu ċertifikat jew ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip meħtieġ(a) skont kull wieħed mill-atti applikabbli elenkati fl-Anness II u għandu jinkludi, dment li ma jiġi ppreżentat l-ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, l-informazzjoni rilevanti skont l-atti ta' implimentazzjoni adottati taħt dan ir-Regolament, fir-rigward ta' dawk l-atti applikabbli.

4. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 1, 2 u 3, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji:

- (a) fl-ewwel stadju, dawk il-partijiet tal-fajl tal-informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istat tat-tlestija tal-vettura bażi;
- (b) fit-tieni stadju u dawk sussegwenti, dawk il-partijiet tal-fajl tal-informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istadju atwali ta' kostruzzjoni, flimkien ma' kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vettura maħruġa fl-istadju preċedenti tal-kostruzzjoni u d-dettalji kollha ta' kwalunkwe tibdil jew addizzjonijiet li l-manifattur ikun għamel fil-vettura.

L-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tista' tingħata f'konformità mal-paragrafu 3.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni tista', b'talba motivata, titlob lill-manifattur jipprovi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar liema testijiet ikunu meħtieġa jew biex jithaffet it-twertiq ta' dawk it-testijiet.

KAPITOLU V

TWETTIQ TAL-PROĊEDURI TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 29

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-UE biss wara li jverifikaw il-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 33 u l-konformità tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mar-rekwiżiti applikabbli.

2. Approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għandhom jingħataw skont dan il-Kapitolu.

3. Jekk awtorità tal-approvazzjoni ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, għalkemm konformi mad-dispożizzjonijiet meħtieġa, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew jistgħu jkun ta' dannu gravi għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, hija tista' tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. F'dak il-każ, għandha minnufih tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u li jagħti l-evidenza tal-fatti misjuba.

4. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom ikunu nnumerati f'konformità ma' sistema armonizzata stabbilita mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar mill-ħruġ taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mal-annessi, għal kull tip ta' vettura li tkun approvat permezz ta' sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku. Il-kopja tista' wkoll tkun f'għamla ta' fajl elettroniku sigur.

6. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra dwar ir-rifjut jew l-irtirar ta' kwalunkwe approvazzjoni ta' vettura, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

7. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha f'intervalli ta' tliet xhur tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li tkun tat, emendat, irrifjutat jew irtirat matul il-perjodu preċedenti għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati.

8. Jekk jintalab hekk minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE mitlub, flimkien mal-annessi permezz ta' sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku. Il-kopja tista' wkoll tkun f'għamla ta' fajl elettroniku sigur.

9. Jekk il-Kummissjoni titlob hekk, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 5 sa 8 lill-Kummissjoni wkoll.

10. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiġbor pakkett tal-informazzjoni magħmul mill-fajl tal-informazzjoni akkumpanjat mir-rapporti tat-testijiet u kull dokument ieħor miżjud mis-servizz tekniku jew mill-awtorità tal-approvazzjoni lill-fajl tal-informazzjoni fl-andament tal-funzjonijiet tagħhom. Il-pakkett tal-informazzjoni għandu jkun fih indiċi li jelenka l-kontenut tal-pakkett tal-informazzjoni, innumerat jew immarkat kif xieraq b'tali mod li jidentifika biċ-ċar il-paġni kollha, u l-format ta' kull dokument għandu jkun b'tali mod li jippreżenta rekord tal-istadji suċċessivi fil-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, b'mod partikolari d-dati tar-reviżjonijiet u l-aġġornamenti. L-awtorità ta' approvazzjoni għandha iżomm l-informazzjoni li jkun fih il-pakkett ta' informazzjoni disponibbli għal perjodu ta' 10 snin wara tmiem il-validità tal-approvazzjoni kkonċernata.

Artikolu 30

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jkun fih dawn li ġejjin bħala annessi:

- (a) il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 29(10);
- (b) ir-riżultati tat-testijiet;
- (c) l-isem/ismijiet u kampjun(i) tal-firma/firem tal-persuna/i awtorizzata/i biex tiffirma/jiffirmaw (i) iċ-ċertifikati tal-konformità u dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom fil-kumpanija;
- (d) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa, kampjun mimli taċ-ċertifikat ta' konformità.

2. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jinħareġ abbażi tal-mudell stipulat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

3. Fir-rigward ta' kull tip ta' vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

- (a) timla s-sezzjonijiet rilevanti kollha taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inkluża l-folja tar-riżultati tat-testijiet mehmuża miegħu;

- (b) tikkompila l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni;

- (c) toħroġ iċ-ċertifikat ikkompletat, flimkien mal-annessi tiegħu, lill-applikant mingħajr dewmien.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-mudell għall-folja tar-riżultati tat-testijiet li hemm referenza għaliha fil-punt (a) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

4. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE li fir-rigward tagħha, skont l-Artikolu 40, ġew imposti restrizzjonijiet dwar il-validità tagħha, jew ġew eżentati ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika dawk ir-restrizzjonijiet jew l-eżenzjonijiet.

5. Fil-każ li l-manifattur jagħżel il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha timla l-pakkett ta' informazzjonibni bir-referenzi għar-rapporti tat-testijiet, stabbiliti permezz tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 32(1), li għalih l-ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ma jkun disponibbli.

6. Meta l-manifattur jagħżel il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti jew l-atti applikabbli u tehmeż dik il-lista maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-mudell għal tali lista permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tingħata għal sistema li tikkonforma mad-dettalji fil-fajl tal-informazzjoni u li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness II.

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponent jew unità teknika separata għandha tingħata għal komponent jew unità teknika separata li jikkonformaw mad-dettalji fil-fajl tal-informazzjoni u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness II.

3. Meta komponenti jew unitajiet tekniċi separati, kemm jekk maħsuba għat-tiswija, reviżjoni jew manutenzjoni kif ukoll jekk le, ikunu wkoll koperti b'approvazzjoni tat-tip ta' sistema fir-rigward ta' vettura, ma tkun meħtieġa ebda approvazzjoni oħra tal-komponent jew l-unità teknika separata ħlief jekk ikun previst hekk fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness II.

4. Meta komponent jew unità teknika separata twestaq il-funzjoni tagħha jew toffri karatteristika speċifika biss flimkien ma' partijiet oħra tal-vettura, u b'hekk il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tkun possibbli biss meta l-komponent jew l-unità teknika separata tkun qed taħdem flimkien ma' dawk il-partijiet l-oħra tal-vettura, l-ambitu tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-komponent jew tal-unità teknika separata jrid jiġi ristrett kif xieraq.

F'dawn il-każijiet, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispjega kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu tal-komponent jew tal-unità teknika separata u għandu jindika l-kundizzjonijiet speċjali għall-assemblaġġ tagħhom.

Meta tali komponent jew unità teknika separata jiġu mmuntati mill-manifattur tal-vettura, il-konformità ma' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu applikabbli jew il-kundizzjonijiet għall-assemblaġġ għandha tkun verifikata fil-mument meta l-vettura tiġi approvata.

Artikolu 32

Testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-konformità mal-preskrizzjonijiet tekniċi stipulati f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness II għandha tiġi ppruvata permezz ta' testijiet adatti mwettqa minn servizzi tekniċi maħtura.

Il-proċeduri tat-testijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu u tagħmir u l-għodda speċifiċi preskritti għat-tweġiq ta' dawn it-testijiet għandhom jiġu stipulati fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness II.

Il-format tar-rapport tat-test għandu jaqdi r-rekwiżiti ġenerali kif stabbiliti mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel fost dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2014.

2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli lill-awtorità tal-approvazzjoni kemm vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jkunu meħtieġa skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness II għat-tweġiq tat-testijiet meħtieġa.

3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.

Madankollu, il-manifattur jista' jagħżel, bi qbil mal-awtorità tal-approvazzjoni, vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li, waqt li mhumiex rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat, jgħaqqdu flimkien numru tal-karatteristiċi l-anqas favorevoli fir-rigward tal-livell ta' rendiment meħtieġ. Jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar virtwali biex jgħinu fit-teħid ta' deċiżjoni waqt il-proċess tal-għażla.

4. Kemm-il darba jkun hemm il-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni, il-metodi tal-ittestjar virtwali jistgħu jintużaw bħala alternattivi għall-proċeduri tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fuq talba tal-manifattur fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6.

5. Metodi virtwali għall-ittestjar għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6.

6. Sabiex ikun żgurat li r-riżultati miksuba mill-ittestjar virtwali jkunu sinifikanti daqs dawk miksuba mill-ittestjar fiżiku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 dwar ir-rekwiżiti li jistgħu jkunu soġġetti għall-ittestjar virtwali u l-kundizzjonijiet li fihom għandu jsir l-ittestjar virtwali. Hija u tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tieħu bħala bażi r-rekwiżiti u proċeduri provduti fl-Anness XVI tad-Direttiva 2007/46/KE, skont kif ikun xieraq.

Artikolu 33

Konformità ta' arranġamenti tal-produzzjoni

1. L-awtorità tal-approvazzjoni li toħroġ approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħra jekk ikun meħtieġ, li saru arranġamenti adegwati biex jiġi żgurat li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li taġti l-approvazzjoni tat-tip lil vettura sħiħa għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiċċekja li iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-manifattur huma konformi mal-Artikolu 38. Għal dak il-għan, l-awtorità ta' approvazzjoni għandha tivverifika li hemm numru biżżejjed ta' kampjuni ta' iċ-ċertifikati ta' konformità li huma konformi mal-Artikolu 38 u li l-manifattur għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex jiżgura li d-data mogħtija fiċ-ċertifikati ta' konformità hija korretta.

3. Awtorità tal-approvazzjoni li toħroġ approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa fir-rigward ta' dik l-approvazzjoni biex tivverifika, jekk ikun meħtieġ, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta' Stati Membri oħra, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jibqgħu jkunu adegwati b'tali mod li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jibqgħu jikkonformaw mat-tip approvat u li iċ-ċertifikati ta' konformità jibqgħu konformi mal-Artikolu 38.

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tikkonforma mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tista' twestaq kwalunkwe wieħed mill-kontrolli jew it-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda mill-post tal-manifattur, inkluż il-faċilitajiet tal-produzzjoni.

5. Meta awtorità tal-approvazzjoni li tati approvazzjoni tat-tip tal-UE tistabbilixxi li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mhumiex applikati, jitbiegħdu sostanzjalment mill-arranġamenti u l-pjanijiet ta' kontroll miftiehma, ma baqgħux jiġu applikati, jew ma għadhomx meqjusa xierqa, anki jekk il-produzzjoni ma twaqqfix, din għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-proċedura għall-konformità tal-produzzjoni tiġi segwita kif suppost jew tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 75 rigward l-arranġamenti dettaljati fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni. L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

KAPITOLU VI

EMENDI LILL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 34

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-manifattur għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE b'kull bidla fid-dettalji mniżżla fil-pakkett tal-informazzjoni.

Dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi liema mill-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 35 għandha tiġi segwita.

Fejn ikun meħtieġ, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandha tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

2. Applikazzjoni għall-emendar ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tintbagħat esklussivament lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE oriġinali.

3. Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li, għall-finijiet li ssir emenda, ikunu meħtieġa spezzjonijiet jew testijiet mill-ġdid, din għandha tinforma lill-manifattur kif xieraq.

Il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 35 għandhom japplikaw biss, fuq il-bażi ta' dawk l-ispezzjonijiet jew it-testijiet, jekk l-awtorità tal-approvazzjoni tikkonkludi li r-reqwiziti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għadhom jiġu sodisfatti.

Artikolu 35

Reviżjonijiet u estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Jekk id-dettalji rreġistrati fil-pakkett tal-informazzjoni jkun nbidlu, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu ripetuti l-ispezzjonijiet jew it-testijiet, l-emenda għandha tissemma "reviżjoni".

F'dawn il-każijiet, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ il-paġna riveduta tal-pakkett tal-informazzjoni kif meħtieġ, u

timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata u aġġornata tal-pakkett tal-informazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet, għandha titqies li tissodisfa din il-ħtieġa.

2. L-emenda għandha tissejjaħ "estensjoni" meta d-dettalji rreġistrati fil-pakkett tal-informazzjoni jkun nbidlu u sseħħ waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jinħtieġu aktar spezzjonijiet jew testijiet;

(b) kwalunkwe informazzjoni fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, ħlief għall-annessi tagħha, inbidlet;

(c) isiru applikabbli reqwiziti ġodda taħt kwalunkwe att elenkat fl-Anness II applikabbli għat-tip ta' vettura approvat jew għas-sistema, komponent jew unità teknika separata approvata.

Fil-każ ta' estensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE rivedut, denotat b'numru tal-estensjoni, inkriminat skont in-numru ta' estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu juri b'mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-ħruġ mill-ġdid.

3. Kull meta jinħarġu paġni emendati jew verżjoni aġġornata konsolidata, l-indiċi tal-pakkett tal-informazzjoni mehmuż maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jiġi emendat kif xieraq biex juri d-data tal-aktar estensjoni jew reviżjoni reċenti jew id-data tal-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata.

4. M'għandha tkun meħtieġa l-ebda emenda għall-approvazzjoni tat-tip ta' vettura jekk ir-reqwiziti l-ġodda msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ikunu irrilevanti, mill-aspett tekniku, għal dak it-tip ta' vettura jew jikkonċernaw kategoriji ta' vettura li mhumiex il-kategorija li tappartjeni għaliha.

Artikolu 36

Ħruġ u notifika tal-emendi

1. Fil-każ ta' estensjoni, it-taqsimiet kollha rilevanti taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-annessi għalih, u l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni għandhom jiġu aġġornati. Iċ-ċertifikat aġġornat u l-annessi tiegħu għandhom jinħarġu lill-applikant mingħajr dewmien.

2. Fil-każ ta' reviżjoni, id-dokumenti riveduti jew il-verżjoni aġġornata konsolidata, skont il-każ, inkluż l-indiċi tal-pakkett tal-informazzjoni rivedut, għandhom jinħarġu mill-awtorità tal-approvazzjoni lill-applikant mingħajr dewmien.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinnotifika kwalunkwe emenda magħmula lill-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 29.

KAPITOLU VII

VALIDITÀ TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 37

Tmiem tal-validità

1. L-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għandhom jinħarġu għal perjodu bla limitu.
 2. Approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura ma tibqax valida fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:
 - (a) isiru obbligatori rekwiżiti ġodda fi kwalunkwe att applikabbli għat-tip ta' vettura approvat għat-tqegħid għad-disponibilità fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, u ma jkunx possibbli li l-approvazzjoni tiġi aġġornata;
 - (b) il-produzzjoni tal-vettura approvata titwaqqaf b'mod volontarju u definittiv;
 - (c) il-validità tal-approvazzjoni tiskadi bis-saħħa ta' restrizzjoni speċjali skont l-Artikolu 40(6);
 - (d) l-approvazzjoni tkun ġiet irtirata skont l-Artikolu 33(5), l-Artikolu 49(1) jew l-Artikolu 52(4).
 3. Meta varjant wieħed biss f'tip jew verżjoni waħda f'varjant ma jibqgħux validi, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tal-vettura kkonċernata għandha tiflew il-validità biss sa fejn ikun ikkonċernat il-varjant jew il-verżjoni partikolari.
 4. Meta l-produzzjoni ta' tip partikolari ta' vettura titwaqqaf b'mod definittiv, il-manifattur għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal dik il-vettura.
- Malli tirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vettura għandha tinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra fi żmien xahar.
5. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4, fil-każijiet meta approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura tkun waslet biex issir invalida, il-manifattur għandu jinnotifika lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha mingħajr dewmien tikkomunika l-informazzjoni kollha rilevanti lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra sabiex ikun jista' jiġi applikat, fejn xieraq, l-Artikolu 44.

Din il-komunikazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu għandha tispeċifika, b'mod partikolari, id-data tal-produzzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura tal-aħħar vettura li tkun ġiet prodotta.

KAPITOLU VIII

ĊERTIFIKAT TAL-KONFORMITÀ U MARKI

Artikolu 38

Ċertifikat tal-konformità

1. Il-manifattur, fil-kapaċità tiegħu bħala d-detentur tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura, għandu jipprovdi ċertifikat tal-konformità bħala dokument fuq il-karta biex jakkumpanja kull vettura, kemm jekk tkun kompluta, mhux kompluta jew ikkompletata, li tiġi manifatturata f'konformità mat-tip ta' vettura approvat.

Dan iċ-ċertifikat għandu jingħata bla ħlas lix-xerrej flimkien mal-vettura. L-għoti tiegħu ma jistax jiddependi minn rikjesta espliċita jew l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali lill-manifattur.

Fuq talba tas-sid tal-vettura, il-manifattur tal-vettura għandu, matul perjodu ta' 10 snin wara d-data ta' produzzjoni tal-vettura, jorog lil sid il-vettura duplikat taċ-ċertifikat ta' konformità, bi ħlas li ma jaqbiżx il-kost tal-ħruġ taċ-ċertifikat. Il-kelma "duplikat" għandha tidher ċar fuq il-wiċċ ta' kwalunkwe ċertifikat duplikat.

2. Il-manifattur għandu juża l-mudell taċ-ċertifika tal-konformità adottat mill-Kummissjoni permez ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). Iċ-ċertifikat tal-konformità għandu jifassal b'tali mod li ma jippermettix il-falsifikazzjoni. Għal dak il-għan, l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiddisponu li l-karta użata fiċ-ċertifikat għandha tkun protetta b'diversi elementi ta' sigurta tal-istampa. L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

3. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jifassal b'tal-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista' jitlob li iċ-ċertifikat ta' konformità jiġi tradott fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tiegħu.

4. Il-persuni awtorizzati li jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom ikunu fl-oragnizzazzjoni tal-manifattur u għandhom ikunu awtorizzati debitament mill-maniġment li jingaġġa r-responsabbiltà legali tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-konstruzzjoni jew tal-konformità tal-produzzjoni tal-vettura.

5. Iċ-ċertifikat tal-konformità għandu jimtela kollu kemm hu u ma għandux ikun fih restrizzjonijiet rigward l-użu tal-vettura ħlief għal dawk disposti f'dan ir-Regolament jew fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.

6. Fil-każ ta' vettura mhux kompluta jew ikkompletata, il-manifattur għandu jimla biss dawk il-punti taċ-ċertifikat tal-konformità li ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju attwali tal-approvazzjoni u, jekk ikun applikabbli, għandu jehmeż maċ-ċertifikat iċ-ċertifikati tal-konformità kollha pprovdu ti fl-istadji preċedenti.

7. Iċ-ċertifikat tal-konformità, għall-vetturi approvati skont l-Artikolu 40(2), għandu jkollu fit-titlu tiegħu l-frażi "Għal vetturi kompluti/ikkompletati, bl-approvazzjoni tat-tip b'applikazzjoni tal-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (approvazzjoni provviżorja)".

8. Iċ-ċertifikat tal-konformità, kif stipulat fl-atti ta' implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2, għal vetturi bl-approvazzjoni tat-tip skont l-Artikolu 42, għandu jkollu fit-titlu tiegħu l-frażi "Għal vetturi kompluti/ikkompletati bl-approvazzjoni tat-tip f'serje żgħira", u fil-qrib tagħha s-sena tal-produzzjoni segwita minn numru sekwenzjali, bejn 1 u l-limitu indikat fit-tabella fl-Anness III, li tagħti, fir-rigward ta' kull sena ta' produzzjoni, il-pożizzjoni ta' dik il-vettura fis-sekwenza tal-produzzjoni allokata għal dik is-sena.

9. Bla preġudizzju għall-paragrafu 1, il-manifattur jista' jitt-rażmetti ċ-ċertifikat ta' konformità lill-awtorità ta' reġistrazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru.

Artikolu 39

Pjanċa statutorja bl-immarrar xieraq tal-vetturi u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifattur ta' vettura għandu jwaħħal ma' kull vettura mmanifatturata f'konformità mat-tip approvat, pjanċa statutorja bl-immarrar xieraq rikjest mill-att ta'implimentazzjoni rilevanti adottat skont lil-paragrafu 3.

2. Il-manifattur ta' komponent jew unità teknika separata, kemm jekk tkun parti minn sistema kif ukoll jekk le, għandu jwaħħal ma' kull komponent jew unità teknika separata manifatturata f'konformità mat-tip approvat, il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE rikjesta mill-att ta'implimentazzjoni adottat skont dan ir-regolament jew ir-regolament tal-UNECE rilevanti.

Meta ma tkun meħtieġa l-ebda tali marka tal-approvazzjoni tat-tip, il-manifattur għandu tal-anqas iwaħħal l-isem jew il-marka kummerċjali tal-manifattur, in-numru tat-tip jew numru ta' identifikazzjoni.

3. Il-pjanċa statutorja u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom ikunu konformi mal-mudell stabbilit mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2). L-ewwel ġabra ta' dawk l-atti delegati għandha tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2014.

KAPITOLU IX

EŻENZJONIJIET GĦAL TEKNOĠIJI ĠODDA JEW KUNĊETTI ĠODDA

Artikolu 40

Eżenzjonijiet għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda

1. Il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jinkorpora teknoloġiji jew kunċetti ġodda li mhumiex kompatibbli ma' att wieħed jew iktar elenkati fl-Anness II.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni ssemmi r-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji jew il-kunċetti kkonċernati jrendu s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mhux kompatibbli ma' att wieħed jew aktar elenkati fl-Anness II;

(b) l-applikazzjoni tiddekrivi s-sikurezza u l-implikazzjonijiet ambjentali tat-teknoloġija l-ġdida u l-miżuri meħuda biex ikun żgurat li jkun hemm mill-inqas livell ekwivalenti ta' sikurezza u ħarsien ambjentali daqs dak mogħti mir-rekwiżiti li tkun qed tintalab eżenzjoni minnhom;

(c) id-deskrizzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet jiġu ppreżentati u jippruvaw li l-kundizzjoni fil-punt (b) hija sodisfatta.

3. L-għoti ta' tali approvazzjoni tat-tip tal-UE li teżenta teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda għandu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jkun adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

4. Fl-istennija ta' deċizzjoni dwar l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' diġà toħroġ l-approvazzjoni tat-tip tal-UE, iżda din għandha tkun provviżorja, valida biss fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, għat-tip ta' vettura koperta mill-eżenzjoni mitluba. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinforma lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra b'dan mingħajr dewmien permezz ta' fajl bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

In-natura provviżorja u l-validità territorjali limitata għandhom jidhru fl-intestatura taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u fl-intestatura taċ-ċertifikat ta' konformità. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi dispożizzjonijiet għal mudelli armonizzati taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u ċ-ċertifikat ta' konformità għall-iskopijiet ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

5. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni l-oħra jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw bil-kitba l-approvazzjoni provviżorja msemmija fil-paragrafu 4 fit-territorju tagħhom.

6. Meta jkun il-każ, l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha wkoll tispeċifika jekk hijiex soġġetta għal xi restrizzjoni. Fil-każijiet kollha, l-approvazzjoni tat-tip għandha tkun valida għal mill-inqas 36 xahar.

7. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha minnufih tinnotifika lid-detentur tal-approvazzjoni tat-tip provviżorja msemmija fil-paragrafu 4 li l-approvazzjoni provviżorja ser tiġi revokata sitt xhur wara d-data tar-rifjut tal-Kummissjoni.

Madankollu, vetturi manifatturati f'konformità mal-approvazzjoni provviżorja qabel ma din ma tibqax valida jistgħu jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jidħlu fis-servizz fi kwalunkwe Stat Membru li jkun aċċetta l-approvazzjoni provviżorja.

Artikolu 41

Adattament sussegwanti ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tawtorizza l-ġhoti ta' eżenzjoni skont l-Artikolu 40, fejn meħtieġ, għandha tiegħu l-passi neċessarji minnufih biex tadatta l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni kkonċernati għall-iżviluppi tekniċi.

Fejn l-eżenzjoni skont l-Artikolu 40 tkun marbuta ma' regolament tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi emenda lir-regolament tal-UNECE rilevanti skont il-proċedura applikabbli taħt il-Ftehim Rivedut 1958.

2. Hekk kif l-atti rilevanti jkunew emendati, kwalunkwe restrizzjoni fid-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-eżenzjoni għandha titneħħa minnufih.

Jekk il-passi meħtieġa biex jiġu adattati l-atti delegati jew implimentattivi ma jkunux ittiegħu, il-Kummissjoni tista', fuq talba tal-Istat Membru li jkun ħareġ l-approvazzjoni, b'deċizzjoni fil-forma ta' att implimentattiv adottat skont il-proċedura ta' eżami li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 73(2), tawtorizza lill-Istat Membru li jestendi l-approvazzjoni tat-tip.

KAPITOLU X

VETTURI PRODOTTI F'SERJE ŻĠHIRA

Artikolu 42

Approvazzjoni nazzjonali tat-tip ta' serje żġhira.

1. Il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żġhira ta' tip ta' vettura fi ħdan limiti kwanтитattivi annwali stabbiliti fl-Anness III. Dawn il-limiti għadhom japplikaw għat-tqegħid għad-disponibilità fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi tat-tip approvat fis-suq ta' kull Stat Membru fsena partikulari.

2. Għat-tip ta' vettura li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga għal dispożizzjoni jew

dispożizzjonijiet ta' att jew atti delegati elenkati fl-Anness II, sakemm dawn jistipulaw rekwiżiti alternattivi rilevanti.

"Rekwiżiti alternattivi" tfisser dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi li għandhom l-għan li jiżguraw livell ta' sikurezza stradali, protezzjoni ambjentali u sikurezza okkupazzjonali li hu ekwivalenti fl-ogħla grad prattikabbli għal-livell previst mid-dispożizzjonijiet ta' att delegat wieħed jew iżjed elenkati fl-Anness II.

Għat-tip ta' vetturi msemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dispożizzjoni jew dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

Stat Membru jista' jidderoga mid-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu biss jekk ikollu motivi raġonevoli biex jagħmel hekk.

3. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi nazzjonali skont dan l-Artikolu, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li għandhom approvazzjoni tat-tip skont l-atti elenkati fl-Anness II għandhom jiġu aċċettati.

4. Iċ-ċertifikat għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bl-approvazzjoni tat-tip skont dan l-Artikolu għandhom jifasslu skont il-mudell li għalih jirreferi l-Artikolu 30(2), iżda ma għandux ikollhom it-titlu "Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura" u għandhom jispeċifikaw il-kontenut tad-derogi mogħtija skont il-paragrafu 2. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu nnumerati skont is-sistema ta' numerazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 29(4).

5. Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għandu jispeċifika n-natura tad-derogi mogħtija skont l-ewwel u t-tielet subparagrafi tal-paragrafu 2.

6. Il-validità tal-approvazzjoni tat-tip ta' serje żġhira għandha tkun ristretta għat-territorju tal-Istat Membru li l-awtorità tal-approvazzjoni tiegħu tkun ħareġ l-approvazzjoni.

7. Madankollu, jekk il-manifattur jitlob dan, kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu għandha tintbagħat bil-posta rreġistrata jew elettronika lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri magħżula mill-manifattur.

8. Fi żmien tliet xhur mill-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 7, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri magħżula mill-manifattur għandhom jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-approvazzjoni tat-tip jew le. Għandhom jikkomunikaw formalment id-deċizzjoni tagħhom lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' serje żġhira.

9. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali sakemm ma jkollhomx motivi raġonevoli biex jemmu li r-rekwiżiti tekniċi nazzjonali li skonthom ġiet approvata l-vettura mhumieq ekwivalenti għal tagħhom.

10. Fuq it-talba ta' applikant li jixtieq iqiegħed fis-suq jew jirreġistra vettura b'approvazzjoni tat-tip ta' serje żgħira fi Stat Membru ieħor l-awtorità ta' approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip ta' serje żgħira nazzjonali għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor kopja ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip inkluż il-pakkett tal-informazzjoni. Għandhom japplikaw il-paragrafi 8 u 9.

KAPITOLU XI

TQEGĦID GĦAD-DISPONIBILITÀ FIS-SUQ, REĠISTRAZZJONI JEW DĦUL FIS-SERVIZZ

Artikolu 43

Tqegħid għad-disponibilità fis-suq, reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz

Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 46 u 47, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura sħiħa hija mandatorja jew li għalihom il-manifattur ikun kiseb din l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, għandhom jitqiegħdu għad-disponibilità fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz biss jekk ikollhom ċertifikat tal-konformità validu maħruġ skont l-Artikolu 38.

Fil-każ li vetturi tali ma jkunux ikkompletati, it-tqegħid għad-disponibilità fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' dawn il-vetturi huwa permess, iżda l-awtoritajiet responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi tal-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jippermettu r-reġistrazzjoni u l-użu fuq it-triq ta' dawn il-vetturi.

Artikolu 44

Tqegħid għad-disponibilità fis-suq, reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz ta' vetturi ta' tmiem is-serje

1. Soġġett għal-limiti tat-tmiem tas-serje u l-limitu taż-żmien speċifikat fil-paragrafi 2 u 4, il-vetturi li jikkonformaw ma' tip ta' vetturi li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE ma għadhiex valida skont l-Artikolu 37 jistgħu jitqiegħdu għad-disponibilità fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi fit-territorju tal-Unjoni li kienu koperti b'approvazzjoni tat-tip tal-UE valida fil-waqt tal-produzzjoni tagħhom, iżda li kienu tqiegħdu għad-disponibilità fis-suq, ġew rreġistrati jew iddaħħlu fis-servizz qabel ma dik l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tilfet il-validità tagħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika, fil-każ ta' vetturi kompluti, għal perjodu ta' 24 xahar mid-data li fiha skadiet il-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, fil-każ ta' vetturi kkompletati, għal perjodu ta' 30 xahar minn dik id-data.

3. Manifattur li jixtieq igawdi mill-paragrafu 1 għandu jibgħat talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru fejn il-vetturi kkonċernati għandhom jitqiegħdu għad-disponibilità fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz. It-talba għandha tispeċifika kull raġuni teknika jew ekonomika li minħabba fiha daww il-vetturi mhumiex konformi mar-rekwiżiti l-ġodda tal-approvazzjoni tat-tip.

L-awtorità nazzjonali kkonċernata għandha tiddeċiedi, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-talba, jekk tippermettix ir-reġistrazzjoni ta' daww il-vetturi fit-territorju tagħha, u fliema kwantità.

4. L-ammont ta' vetturi ta' tmiem is-serje ma għandux jisboq 10 % tal-għadd ta' vetturi rreġistrati fis-sentejn ta' qabel jew 100 vettura kull Stat Membru, liema minnhom ikun ogħla.

5. Entrata speċjali li tikkwalifika l-vetturi bħala vetturi "ta' tmiem is-serje" għandha ssir fuq iċ-ċertifikat ta' konformità tal-vetturi li jitqiegħdu fis-servizz b'din il-proċedura.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-għadd ta' vetturi li għandhom jitqiegħdu għad-disponibilità fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz skont il-proċedura stipulata f'dan l-Artikolu jiġi sorveljat b'mod effettiv.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għat-twaqqif minħabba t-terminazzjoni tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 37(2)(a).

Artikolu 45

Tqegħid għad-disponibilità fis-suq jew dħul fis-servizz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati

1. Il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jistgħu jitqiegħdu għad-disponibilità fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz biss jekk dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-atti rilevanti elenkati fl-Anness II u jkunu mmarkati kif support skont l-Artikolu 39.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma speċifikament mibnija jew imfassla għal vetturi ġodda li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid għad-disponibilità fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li ġew eżentati minn waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 40 jew li huma maħsuba għall-immuntar fuq vetturi koperti bl-approvazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 42 li jirrigwardaw il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernata.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan ir-Regolament jew f'wieħed mill-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-t-tqegħid għad-disponibilità fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma maħsuba għall-immuntar fuq vetturi li, fil-waqt tat-tqegħid għad-disponibilità fis-suq jew tad-dħul tagħhom fis-servizz, ma kinux obbligati li jkollhom l-approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament jew id-Direttiva 2002/24/KE.

KAPITOLU XII

KLAWSOLI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 46

Il-proċedura biex jiġu trattati vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju fil-livell nazzjonali

1. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew fejn ikollhom raġuni biżżejjed biex jaħsbu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata koperti minn dan ir-Regolament tippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza ta' persuni jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni tal-interess pubbliku koperti minn dan ir-Regolament, l-awtorità tal-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni għandha ttwettaq evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata li tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti minn dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkoperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u/jew tas-sorveljanza tas-suq.

Fejn, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li ħarġet l-approvazzjoni ssib li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandha mingħajr dewmien tesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi adegwati kollha biex il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata issir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, biex il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tiġi rtirata mis-suq, jew tissejjaħ lura f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li jkun jaqbel man-natura tar-riskju.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali, għandhom jinformat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet rikjesti mill-operatur ekonomiku.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li l-azzjoni korrettiva xierqa tittieħed fir-rigward tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkun qiegħed għad-disponibilità fis-suq, irreġistra jew ikun responsabbli għad-dħul fis-servizz tagħhom fl-Unjoni kollha.

4. Meta l-operatur ekonomiku ma jhux azzjoni korrettiva adegwata fil-perjodu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid għad-disponibilità fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li mhumiex konformi fis-suq nazzjonali tagħhom, jew jirtirawhom minn dak is-suq jew isejħulhom lura.

5. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dawk il-miżuri previsti fil-paragrafu 4.

L-informazzjoni mogħtija għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-data neċessarja għall-identifikazzjoni tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhux konformi, l-oriġini tagħha, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u t-tul tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx dovut għal waħda jew oħra minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma tissodisfax ir-rekwiżiti marbuta mas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni, il-ħarsien tal-ambjent jew ma' aspetti oħra tal-ħarsien tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament;

(b) nuqqasijiet fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness II.

6. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fi żmien xaħar b'kull miżura adottata u kull informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta man-nuqqas ta' konformità tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata, u, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali notifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Jekk, fi żmien xaħar minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, tkun saret oġġezzjoni minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni dwar miżura meħuda mill-Istat Membru, dik il-miżura għandha tkun evalwata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 47.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi xierqa fir-rigward tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata, bħall-irtirar tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mis-suq tagħhom, mingħajr dewmien.

Artikolu 47

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Fejn, matul il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46(3) u (4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tkun kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tevalwa l-miżura nazzjonali wara l-tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew operaturi ekonomiċi rilevanti. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2), dwar jekk il-miżura nazzjonali titqiesx bħala ġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u lill-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. Jekk il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhux konformi tiġi rtirata mis-suq tagħhom, u għandhom jinformat lill-Kummissjoni dwar dan. Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira jew jadatta l-miżura, skont id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Fejn il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u tiġi attribwita għan-nuqqasijiet f'dan ir-Regolament jew fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri xierqa kif ġej:

- (a) fejn għandhom x'jaqsmu atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meħtieġa għall-att ikkonċernat;
- (b) fejn għandhom x'jaqsmu r-regolamenti tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi abbozz tal-emendi meħtieġa għar-regolamenti rilevanti tal-UNECE skont il-proċedura applikabbli tal-Ftehim tal-1958 Rivedut.

Artikolu 48

Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li huma ta' riskju serju

1. Fejn, wara li tkun għamlet evalwazzjoni skont l-Artikolu 46(1), Stat Membru jsib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, għalkemm ikunu konformi mar-rekwiżiti applikabbli jew ikollhom il-marki kif suppost, jirrappreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-ambjent jew lis-saħħa pubblika, għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa biex jiżgura li l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata, meta titqiegħed għad-disponibilità fis-suq, tiġi rreġistrata jew wara d-dħul tagħha fis-servizz, ma tibqax tirrappreżenta dak ir-riskju, li tirtira l-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mis-suq jew tissejjaħ lura f'perjodu raġonevoli, fi proporzjon man-natura tar-riskju. L-Istat Membru jista' jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sa meta l-manifattur tal-vettura jieħu l-miżuri kollha xierqa.

2. Għal vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward ta' dawn il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati imqiegħda għad-disponibilità fis-suq, irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz fl-Unjoni.

3. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu fi żmien xahar jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-dettalji disponibbli, partikolarment id-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata, l-oriġini u l-katina tal-provvista tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul tal-miżuri nazzjonali meħuda.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta minnufih lill-Istati Membri u l-operatur (jew operaturi) ekonomiku rilevanti u, b'mod partikolari, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 titqiesx ġustifikata jew le, u, fejn neċċessarju, tipproponi miżuri xierqa.

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lil operatur(i) ekonomiku/ċi rilevanti.

Artikolu 49

Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi mat-tip approvat

1. Fejn vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda akkumpanjati b'ċertifikat tal-konformità jew li għandhom fuqhom marka tal-approvazzjoni ma jikkonformawx mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip, biex tiżgura li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni, skont il-każ, jinġiebu f'konformità mat-tip approvat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-devjazzjonijiet mid-dettalji fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew fil-pakkett tal-informazzjoni għandhom jitqiesu li huma nuqqas ta' konformità mit-tip approvat.

3. Jekk awtorità tal-approvazzjoni turi li vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda akkumpanjati minn ċertifikat tal-konformità jew li għandhom marka tal-approvazzjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor, mhumieq konformi mat-tip approvat, din tista' jitlob lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE biex tivverifika li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jibqgħu jikkonformaw mat-tip approvat. Mal-wasla ta' talba bħal din, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-azzjoni meħtieġa malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data tat-talba.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal sistema, komponent, unità teknika separata jew vettura mhux kompluta biex tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tiżgura li vetturi fi produzzjoni jinġiebu mill-ġdid f'konformità mat-tip approvat fil-każijiet li ġejjin:

- (a) għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura jkun attribwibbli esklussivament għan-nuqqas ta' konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;
- (b) għal approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura kkompletata jkun attribwibbli esklussivament għan-nuqqas ta' konformità ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li tkun parti mill-vettura mhux kompluta, jew għan-nuqqas ta' konformità tal-vettura mhux kompluta nfisha.

5. Mal-wasla ta' talba bħal din, l-awtorità tal-approvazzjoni kkonċernata għandha tieħu l-azzjoni meħtieġa, jekk hemm bżonn flimkien mal-awtorità tal-approvazzjoni li jagħmel it-talba, malajr kemm jista' jkun u mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data tat-talba.

6. Fejn jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità, l-awtorità tal-approvazzjoni tal-Istat Membru li ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jew għal vettura mhux kompluta, għandha tiegħu l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin fi żmien xahar bi kwalunkwe ritirar ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-UE u bir-raġunijiet għal dan.

7. Jekk l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE toġġezzjona għan-nuqqas ta' konformità nnotifikata lilha, l-Istati Membri konċernati għandhom jaħdmu biex isolvu l-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata u, fejn meħtieġ, għandha tagħmel konsultazzjonijiet xierqa bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

Artikolu 50

Tqegħid fis-suq u dħul fis-servizz ta' partijiet jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali

1. Partijiet jew tagħmir li jistgħu jippreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jidħlu fis-servizz u għandhom ikunu pprojbati, sakemm ma jkunux ġew awtorizzati minn awtorità tal-approvazzjoni skont l-Artikolu 51(1) u (4).

2. Biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tfassal lista ta' tali partijiet jew tagħmir fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, u b'mod partikolari tal-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri, rigward:

- (a) is-serjetà tar-riskju għas-sikurezza jew għall-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi mmuntati bil-partijiet u t-tagħmir inkwistjoni;
- (b) l-effett possibbli fuq il-konsumaturi u l-manifatturi tas-suq sekondarju tal-impożizzjoni skont dan l-Artikolu ta' rekwiżit possibbli ta' awtorizzazzjoni għal partijiet jew tagħmir.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal partijiet jew tagħmir oriġinali u għal partijiet jew tagħmir li għandhom l-approvazzjoni tat-tip skont id-dispożizzjonijiet ta' wieħed mill-atti elenkati fl-Anness II, għajr meta l-approvazzjoni tirrigwarda aspetti differenti minn dawk koperti fil-paragrafu 1.

Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal partijiet jew tagħmir prodotti esklussivament għall-vetturi tat-tlielaq mhux intenzjonati għall-użu fit-toroq pubbliċi. Jekk partijiet jew tagħmir inklużi fl-lista stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ikollhom użu doppju għat-tlielaq u għall-użu fit-toroq, dawk il-partijiet jew tagħmir ma jistgħux jitqiegħdu għad-disponibilità tal-pubbliku ġenerali għall-użu f'vetturi tat-triq sakemm ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta'

dan l-Artikolu. Fejn ikun f'loku, il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet biex jiġu identifikati l-partijiet jew it-tagħmir imsemmija f'dan il-paragrafu.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-partijiet jew it-tagħmir li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Dawn ir-rekwiżiti jistgħu jkunu bbażati fuq l-atti elenkati fl-Anness II jew jistgħu jikkonsistu f'paragun tal-partijiet jew tagħmir mal-prestazzjoni ambjentali jew ta' sikurezza tal-vettura oriġinali, jew ta' kwalunkwe parti tagħha, kif xieraq. Fi kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw li l-partijiet jew it-tagħmir ma jfixklux il-funzjonament ta' dawk is-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Artikolu 51

Partijiet jew tagħmir li jistgħu jirrappreżentaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali – rekwiżiti relatati

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 50(1), il-manifattur ta' partijiet jew tagħmir għandu jissottometti lill-awtorità tal-approvazzjoni applikazzjoni flimkien ma' rapport ta' test abbozzat minn servizz tekniku magħżul li jiċċertifika li l-partijiet jew it-tagħmir li għalihom qed tintalab l-awtorizzazzjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 50(4). Il-manifattur għandu jibgħat biss applikazzjoni waħda għal kull tip għal kull part lil awtorità tal-approvazzjoni waħda biss.

Jekk jintalab hekk mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-approvazzjoni tat-tip għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lil tal-ewwel kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip mitlub, flimkien mal-annessi, permezz ta' sistema komuni sigura ta' skambju elettroniku. Il-kopja tista' wkoll tkun f'għamla ta' fajl elettroniku sigur.

2. L-applikazzjoni għandha tinkudi d-dettalji tal-manifattur ta' partijiet jew tagħmir, it-tip, in-numri tal-identifikazzjoni u tal-parti tal-partijiet jew it-tagħmir, isem il-manifattur tal-vettura, it-tip tal-vettura u, jekk ikun il-każ, is-sena meta nbriet jew kull informazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vettura li fiha għandhom jiġu mmuntati l-partijiet jew it-tagħmir.

Meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun sodisfatta, wara li tkun ikkunsidrat ir-rapport tat-testijiet u evidenza oħra, li l-partijiet jew it-tagħmir ikkonċernati jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 50(4), hi għandha tawtorizza li l-partijiet jew it-tagħmir jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni u jiddaħħlu fis-servizz soġġetti għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ ċertifikat lill-manifattur mingħajr dewmien.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabilixxi mudell u sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

4. Il-manifattur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-awtorizzazzjoni bi kwalunkwe bidla li taffettwa l-kundizzjonijiet li fihom tkun ingħatat. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk l-awtorizzazzjoni għandhiex tiġi riveduta jew maħruġa mill-ġdid u jekk hemmx bżonn isiru testijiet oħra.

Il-manifattur għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-partijiet jew it-tagħmir huma prodotti u jibqgħu jiġu prodotti taħt il-kundizzjonijiet li taħtom ingħatat l-awtorizzazzjoni.

5. Qabel tagħti kwalunkwe awtorizzazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti u proċeduri sodisfaċenti biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni.

Fejn l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni mhumiex iżjed sodisfatti, hi għandha titlob lill-manifattur jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura li l-partijiet jew it-tagħmir jerġgħu jinġiebu f'konformità. Jekk meħtieġ għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

6. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni minn Stati Membri differenti għandhom iressqu kull nuqqas ta' ftehim fir-rigward tal-awtorizzazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex issolvi n-nuqqas ta' ftehim, inkluż fejn meħtieġ, titlob l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, wara li tkun ikkon-sultat mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni.

7. Sakemm tiġi stabbilita l-lista msemmija fl-Artikolu 50(2), l-Istati Membri jistgħu jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw partijiet jew tagħmir li jistgħu jaffettwaw il-funzjona-ment korrett ta' sistemi essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew ir-rendiment ambjentali tagħha.

Artikolu 52

Ġbir lura ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Fejn manifattur li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura sħiħa jkun obligat, skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, jiġbor lura l-vetturi li jkunu tqiegħdu fis-suq, ġew irreġistrati jew li kien responsabbli għad-dħul fis-servizz tagħhom, minħabba li sistema, komponent jew unità teknika separata mwaħħla fil-vettura tirrappreżenta riskju serju għas-sikurezza, is-saħħa pubblika jew il-ħarsien ambjentali, tkunx jew le approvata kif suppost ma' dan ir-Regolament, jew minħabba li part li mhux soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi skont il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tirrappreżenta riskju serju għas-sikurezza, is-saħħa pubblika jew il-ħarsien ambjentali, dak il-manifattur għandu jinforma minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tagħha.

2. Fejn manifattur ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE, ikun obligat skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jiġbor lura s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li jkunu tqiegħdu fis-suq, jew li kien responsabbli għad-dħul fis-servizz tagħhom, minħabba li dawn jirrapreżentaw riskju serju

għas-sikurezza, is-sikurezza fuq ix-xogħol, is-saħħa pubblika jew il-ħarsien ambjentali, ikunux approvati kif suppost skont dan ir-Regolament jew le, il-manifattur għandu minnufih jinforma lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni.

3. Il-manifattur għandu jipproponi lill-awtorità tal-approvazzjoni sett ta' rimedji xierqa biex ir-riskju serju msemmi fil-paragrafi 1 u 2 jiġi newtralizzat. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tikkomunika l-miżuri proposti lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien.

L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw li r-rimedji jiġu implimentati b'mod effikaċi fit-territorji rispettivi tagħhom.

4. Jekk ir-rimedji jitqiesu li mhux biżżejjed jew li ma ġew implimentati malajr biżżejjed, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

L-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha mbagħad tinforma lill-manifattur. Jekk il-manifattur ma jipproponix u ma jimplementax miżuri korrettivi effettivi, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri protettivi kollha meħtieġa, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Fil-każ tal-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha fi żmien xahar minn tali rtirar tinnotifika b'dan lill-manifattur, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'ittra rreġistrata jew b'mezz elettroniku ekwivalenti.

Artikolu 53

Notifika ta' deċizzjonijiet u rimedji disponibbli

1. Id-deċizzjonijiet kollha meħuda skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u d-deċizzjonijiet kollha li jirrifjutaw jew jirtiraw approvazzjoni tat-tip tal-UE, li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni, li jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqiegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vettura jew li jirrikjedu l-irtirar mis-suq ta' vettura għandhom jiddikjaraw fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom huma bbażati.

2. Kwalunkwe deċizzjoni tali għandha tiġi nnotifikata lill-parti konċernata, li għandha, fl-istess waqt, tiġi infurmata bir-rimedji disponibbli għaliha skont il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat u bil-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

KAPITOLU XIII

REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI

Artikolu 54

Ir-Regolamenti UNECE meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Ir-regolamenti tal-UNECE jew l-emedni tagħhom li l-Unjoni ivvutat favur jew li għalihom l-Unjoni aderiet u li huma elenkati f'dan ir-Regolament jew fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu parti mir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet mogħtija skont dawk ir-regolamenti tal-UNECE msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, il-marki ta' approvazzjoni rilevanti, minflok l-approvazzjonijiet u l-marki tal-approvazzjoni korrispondenti mogħtija skont dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.

3. Fejn l-Unjoni tkun ivvotat favur regolament tal-UNECE jew emendi tiegħu għall-iskop tal-approvazzjon tat-tip tal-UE ta' vettura, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 75 biex tagħmel obbligatorji r-regolament tal-UNECE jew l-emendi tiegħu u biex temenda dan ir-Regolament jew temenda l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, kif ikun xieraq.

Dak l-att delegat għandu jispeċifika d-dati tal-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolament tal-UNECE jew tal-emendi tiegħu u għandu jinkludi dispożizzjonijiet tranżizzjonali fejn xieraq.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegat separati li jirriflettu l-applikazzjoni obbligatorja tar-regolamenti tal-UNECE.

KAPITOLU XIV

FORNIMENT TA' INFORMAZZJONI TEKNIKA

Artikolu 55

Informazzjoni intiża għall-utenti

1. Il-manifattur ma jista' jforni ebda informazzjoni teknika relatata mad-dettalji pprovduti f'dan ir-Regolament, fl-atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li tiddevja mid-dettalji approvati mill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Fejn att delegat jew att ta' implimentazzjoni adottat skont dan ir-Regolament hekkjiprovdi, il-manifattur għandu jagħmel disponibbli lill-utenti l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet meħtieġa rilevanti kollha li jiddeskrivu kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċjali marbuta mal-użu ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-vettura għandha titqiegħed fis-suq, tiġi rreġistrata jew tiddaħħal fis-servizz. Għandha tiġi pprovduta, wara aċċettazzjoni mill-awtorità tal-approvazzjoni, fil-manwal tas-sid.

Artikolu 56

Informazzjoni intiża għal manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli lill-manifatturi tal-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, d-dettalji kollha meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, jew biex tinkiseb awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 50, inkluż, fejn applikabbli, dijagrammi msemmija fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament.

Il-manifattur tal-vettura jista' jimponi ftehim vinkolanti fuq il-manifatturi ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati biex jiproteġi l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li mhix fl-isfera pubblika, inkluża informazzjoni marbuta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-manifattur ta' komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati, fil-kapaċità tiegħu bħala d-detentur ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li, skont l-Artikolu 31(4), jinkludi restrizzjonijiet fuq l-użu jew kundizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn, għandu jipprovdi l-informazzjoni dettaljata dwar dan lill-manifattur tal-vettura.

Fejn att delegat adottat skont dan ir-Regolament jipprovdi hekk, il-manifattur ta' komponenti jew ta' unitajiet tekniċi separati għandu jipprovdi, flimkien mal-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati prodotti, struzzjonijiet rigward ir-restrizzjonijiet tal-użu jew il-kundizzjonijiet speċjali ta' mmuntar jew it-tnejn.

KAPITOLU XV

AĊĊESS GĦAL INFORMAZZJONI DWAR TISWIJA U MANUTENZJONI

Artikolu 57

Obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifattur għandu jipprovdi aċċess bla restrizzjonijiet għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura lil operaturi indipendenti permezz tal-websajts bl-użu ta' format standard u mod faċilment aċċessibbli u immedjat. Partikolarment, dan l-aċċess għandu jingħata b'mod li mhuwiex diskriminatorju, meta mqabbel mal-faċilità jew l-aċċess mogħti(ja) lil dealers u sewweġja awtorizzati. Dan l-obbligu ma għandux japplika dment li vettura tkun ġiet approvata bħala vettura ta' serje żgħira.

2. Sakemm il-Kummissjoni tadotta standard komuni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat b'mod konsistenti li jista' jiġi pproċessat mill-operaturi indipendenti bi sforz raġonevoli.

Il-produtturi għandhom jiprovdu wkoll materjal ta' taħriġ lill-operaturi indipendenti u dealers u sewweġja awtorizzati.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi bħala minimu dawn li ġejjin kollha:

- numru tal-identifikazzjoni mingħajr ekwivoku tal-vettura;
- il-kotba tar-reviżjonijiet inklużi rekords tat-tiswija u l-manutenzjoni u skedi tar-reviżjonijiet;
- manwali tekniċi u informazzjoni dwar ir-reviżjoni teknika;
- l-informazzjoni dwar il-komponenti u d-dijanjsi (bħalvaluri teoretiċi minimi u massimi tal-kejl);
- il-pjanti tal-wiring;

- (f) il-kodiċijiet tad-dijanostika tal-ħsarat, inklużi kodiċijiet speċifiċi tal-manifattur;
- (g) in-numri ta' verifika tal-identifikazzjoni u l-kalibrazzjoni tas-software applikabbli għat-tip ta' vettura;
- (h) l-informazzjoni li tikkonċerna, u li titwassal, permezz ta' għodda u tagħmir proprjetarji;
- (i) l-informazzjoni tar-reġistrazzjoni tad-data u d-data bidirezzjonali ta' monitoraġġ u ttestjar;
- (j) unitajiet tax-xogħol.

4. Dealers u sewweġja awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta' xi vettura partikolari għandhom jitqiesu bħala operaturi indipendenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament safejn jipprovdu servizzi ta' tiswiġja jew manutenzjoni ta' vetturi li fir-rigward tagħhom mhumiex membri tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura.

5. L-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tkun dejjem disponibbli, ħlief kif meħtieġ għall-finijiet tal-manutenzjoni tas-sistema tal-informazzjoni.

6. Għall-finijiet tal-manifattura u r-reviżjoni ta' partijiet għall-bdil jew għall-manutenzjoni kompatibbli mal-OBD u għodda għad-dijanostika u tagħmir tat-testijiet, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-OBD rilevanti kif ukoll l-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhux diskriminatorja lil kull manifattur jew sewweġ interessat tal-komponenti, għodda għad-dijanostika jew tagħmir tat-testijiet.

7. Għall-finijiet tat-tfassil u l-manifattura ta' tagħmir tal-vetturi għal vetturi bi fjuwil alternattiv, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-OBD rilevanti kif ukoll l-informazzjoni ta' tiswiġja u ta' manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhix diskriminatorja lil kwalunkwe manifattur interessat, installatur jew sewweġ ta' tagħmir ta' vetturi bi fjuwil alternattiv.

8. Meta japplika għall-approvazzjoni tat-tip UE, il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni evidenza ta' konformità ma' dan ir-Regolament relatata mal-informazzjoni meħtieġa f'dan l-Artikolu.

F'każ li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli jew ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, fil-waqt li l-manifattur japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE, il-manifattur għandu jipprovdiha fi żmien sitt xhur mid-data tal-approvazzjoni tat-tip.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi mudell ta' ċertifikat dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar OBD ta' vettura u informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni ta' vettura li tagħti tali prova ta' konformità lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2).

9. Jekk tali evidenza ta' konformità ma tiġix ipprovduta sa tmieni il-perjodu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8, l-awtorità ta' l-approvazzjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura l-konformità.

10. Il-manifattur għandu jagħmel l-emendi u s-supplimenti sussegwenti tal-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fil-websajts tiegħu fl-istess waqt li jagħmilhom disponibbli għal dawk awtorizzati li jsewew.

11. Fejn ir-rekords tat-tiswiġja u l-manutenzjoni ta' vettura jinżammu f'database ċentrali tal-manifattur tal-vettura jew f'ismu, is-sewweġja indipendenti għandu jkollhom aċċess b'xejn għal dawn ir-rekords u għandhom ikunu jistgħu jdaħħlu informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni li jkun għamlu.

12. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 li jstabbilixxu d-dettalji tar-rekwiżiti fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni, b'mod partikolari speċifikazzjonijiet tekniċi fir-rigward tal-mod li bih għandha tingħata l-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura.

Artikolu 58

Obbligi fir-rigward ta' diversi detenturi tal-approvazzjoni tat-tip

1. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip pass b'pass jew tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, il-manifattur responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip rispettiva għandu wkoll ikun responsabbli għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-tiswiġja marbuta mas-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata partikolari jew mal-istadju partikolari kemm lill-manifattur kif ukoll lill-operaturi indipendenti.

2. Il-manifattur finali għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni dwar il-vettura sħiħa lill-operaturi indipendenti.

Artikolu 59

Ħlasijiet mitluba għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Il-manifatturi jistgħu jitolbu ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura koperta minn dan ir-Regolament; Il-ħlas mitlub ma jkunx raġonevoli jew proporzjonat jekk jiskoraġġixxi l-aċċess billi jonqos milli jikkunsidra kemm l-operatur indipendenti jkun se jużah.

2. Il-manifatturi għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar it-tiswiġja u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli kuljum, kull xahar u kull sena, bil-ħlasijiet mitluba għall-aċċess ta' din l-informazzjoni jvarjaw skont il-perjodi rispettivi li għalihom jingħata l-aċċess.

Artikolu 60

Forum dwar l-Aċċess għall-informazzjoni dwar il-Vetturi

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet imwettqa mill-Forum dwar l-Aċċess għall-informazzjoni dwar il-Vetturi stabbilit skont l-Artikolu 13(9) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tal- 18 ta' Lulju 2008 li jimplementa u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura ⁽¹⁾ għandu jiġi estiż għall-vetturi koperti b'dan ir-Regolament.

Abbażi ta' evidenza ta' abbuż intenzjonat jew le tal-informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi u tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, il-Forum imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex ma jsirx użu ħażin tal-informazzjoni bħal dan.

KAPITOLU XVI

GĦAŻLA U NOTIFIKA TAS-SERVIZZI TEKNIĊI

Artikolu 61

Rekwiżiti marbuta mas-servizzi tekniċi

1. L-awtoritajiet ta' approvazzjoni responsabbli għall-ħatra għandhom jiżguraw li, qabel ma jaħtru servizz tekniku skont l-Artikolu 63, dak is-servizz tekniku jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 64(1), servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru u għandu jkollu personalità ġuridika.

3. Servizz tekniku għandu jkun korp terz indipendenti mill-proċess tad-disinn, il-manifattura, il-forniment jew il-manutenzjoni tal-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata li jkun qed jevalwa.

Korp li jkun parti minn xi assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta l-intrapriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-provvista, il-muntaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huwa jevalwa, jittestja jew jispezzjona, jista', bil-kondizzjoni li l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kull konflitt ta' interess jiġu murija, jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu.

4. Servizz tekniku, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-istaff responsabbli għat-twettiq tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom huma maħtura skont l-Artikolu 63(1) ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, jew dak li jagħmel manutenzjoni tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jkunu qed jevalwaw, u lanqas jirrappreżentaw

il-partijiet li jwettqu dawk l-attivitajiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu li jintheiġu għall-operar tas-servizz tekniku jew l-użu ta' dawn il-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għall-skopijiet personali.

Servizz tekniku għandu jiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew tas-subappaltaturi tiegħu ma jippreġudikawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom ġie maħtur.

5. Servizz tekniku u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-kategoriji tal-attivitajiet li ġew maħtura għalihom bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u l-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u tentazzjonijiet, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet tal-evalwazzjoni, speċjalment pressjonijiet jew tentazzjonijiet li jirriżultaw minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Servizz tekniku għandu jkollu l-ħila jwettaq il-kategoriji kollha ta' attivitajiet li nħatar għalihom skont l-Artikolu 63(1), billi juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tiegħu, li għandu:

- (a) persunal b'ħiliet adegwati, għarfien tekniku speċifiku u taħriġ vokazzjonali kif ukoll esperjenza suffiċjenti u adatta biex iwettaq il-kompitu;
- (b) deskrizzjonijiet tal-proċeduri rilevanti għall-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar, li jiżguraw it-trasparenza u r-riproduċibilità ta' dawk il-proċeduri.
- (c) il-proċeduri għat-twettiq tal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar li jikkunsidraw il-livell ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernata u jekk il-proċess tal-produzzjoni huwiex wieħed tal-massa jew tas-serje; u
- (d) il-mezzi meħtieġa biex iwettaq b'mod adegwat il-kompiti konnessi mal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar u li għandu aċċess għat-tagħmir u l-faċilitajiet kollha meħtieġa.

Barra minn hekk, għandu juri lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra il-konformità tiegħu marl-istandards stipulati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 65 li jkunu rilevanti għall-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom ikunu inħatur.

7. L-imparzjalità tas-servizzi tekniċi, tal-ogħla livell ta' maniġment tiegħu u l-persunal tal-evalwazzjoni għandha tkun garantita. Ma għandhom jieħdu sehem fl-ebda attività li tista' tkun f'konflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom f'raba mal-kategoriji tal-attivitajiet li għalihom huma jinħatur.

⁽¹⁾ ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1.

8. Is-servizzi tekniċi għandhom jagħmlu polza tal-assigurazzjoni ta' responsabbiltà relatata mal-attivitàjiet tagħhom sakemm ir-responsabbiltà ma jeħodhiex l-Istat Membru skont il-liġijiet nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-evalwazzjoni tal-konformità.

9. Il-persunal tas-servizz tekniku għandu josserva s-segretzza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba huma u jwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament jew skont kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħlu fis-seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra jew fejn rikjest mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Id-drittijiet tal-proprjetà għandhom ikunu protetti.

Artikolu 62

Sussidjarji tas-servizzi tekniċi u għoti ta' subappalti minnhom

1. Servizzi tekniċi jistgħu jagħtu b'subappalt uħud mill-attivitàjiet li għalihom inħatru skont l-Artikolu 63(1) jew jafdaw it-tweġġ ta' dawn fidejn sussidjarju biss bil-qbil tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tagħhom.

2. Fejn servizz tekniku jagħti b'subappalt xogħlijiet speċifiċi li jkollhom x'jaqsmu mal-kategoriji tal-attivitàjiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbd sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-subappaltatur jew is-sussidjarju josservaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 61 u għandu jinforma lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra b'dan.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa tax-xogħlijiet li jkunu saru minn kwalunkwe subappaltatur jew sussidjarju tagħhom, kull meta jiġu stabbiliti.

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra d-dokumenti rilevanti dwar l-evalwazzjoni tal-kwalifiki tas-subappaltatur jew tas-sussidjarju u tal-komitat li jkunu wettqu.

Artikolu 63

Ħatra tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jinħatru skont wieħed jew aktar mill-erba' kategoriji ta' attivitàjiet, skont il-qasam tal-kompetenza tagħhom:

- il-kategorija A, servizzi tekniċi li jwettqu fil-faċilitajiet tagħhom stess it-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness II;
- il-kategorija B, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness II, u dawn it-testijiet isiru fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;
- il-kategorija C, servizzi tekniċi li jivvalutaw u jissorveljaw fuq bażi regolari l-proċeduri tal-manifattur biex tiġi kontrollata l-konformità tal-produzzjoni;
- il-kategorija D, servizzi tekniċi li jagħmlu superviżjoni jew iwettqu testijiet jew spezzjonijiet għas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.

2. Awtorità tal-approvazzjoni tista' taġixxi bħala servizz tekniku għal waħda jew iżjed mill-attivitàjiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Is-servizzi tekniċi ta' pajjiż terz, ħlief dawk magħżula skont l-Artikolu 64, jistgħu jiġu notifikati għall-finijiet tal-Artikolu 67, iżda biss jekk aċċettazzjoni ta' servizzi tekniċi tkun provduta bi ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat. Dan m'għandux iżomm lil servizz tekniku stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru bi qbil mal-Artikolu 61(2) milli jistabbilixxi sussidjarji f'pajjiżi terzi, dment li s-sussidjarji jkunu mmaniġġjati u kkontrollati direttament mis-servizz tekniku maħtur.

Artikolu 64

Servizzi tekniċi interni akkreditati tal-manifattur

1. Servizz tekniku intern akkreditat ta' manifattur jista' jinħatar għall-attivitàjiet tal-kategorija A biss fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi li għalihom l-itestjar intern huwa permess b'att delegat adottat skont dan ir-Regolament. Dak is-servizz tekniku għandu jikkostitwixxi parti separata u distinta mill-impriża u ma għandux jieħu sehem fid-disinn, il-manifattura, il-forniment jew il-manutenzjoni tal-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jevalwa.

2. Servizz tekniku intern akkreditat għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- minbarra li jkun maħtur mill-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru għandu jkun akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditament kif definit fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u skont l-istandards u l-proċedura li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament;
- is-servizz tekniku intern akkreditat u l-persunal tiegħu għandhom ikunu identifikabbli mill-aspett organizzattiv u jkollhom metodi ta' rappurtar fl-impriża li jkunu jiffirmaw parti minnha li jassiguraw l-imparzjalità tagħhom u juruha lill-korp nazzjonali rilevanti ta' akkreditament;
- la s-servizz tekniku intern akkreditat u lanqas il-persunal tiegħu ma għandhom jieħdu sehem fi kwalunkwe attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom frabta mal-kategoriji tal-attivitàjiet li għalihom ikunu nħatru;
- is-servizz tekniku intern akkreditat għandu jagħti s-servizzi tiegħu esklussivament lill-impriża li jagħmel parti minnha.

3. Servizz tekniku intern akkreditat m'għandux jiġi notifikat lill-Kummissjoni, għall-iskopijiet tal-Artikolu 67 iżda l-informazzjoni dwar l-akkreditament tiegħu għandha tingħata mill-impriża li jagħmel parti minnha jew mill-korp nazzjonali ta' akkreditament lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra fuq it-talba ta' dik l-awtorità

*Artikolu 65***Proċeduri għall-istandards ta' prestazzjoni u ta' evalwazzjoni tas-servizzi tekniċi**

Sabiex ikun żgurat li s-servizzi tekniċi jissodisfaw l-istess livell għoli ta' standards tar-rendiment fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75 rigward l-istandards li s-servizzi tekniċi jkollhom jimxu magħhom u l-proċedura għall-evalwazzjoni tagħhom bi qbil mal-Artikolu 66 u l-akkreditament tagħhom bi qbil mal-Artikolu 64.

*Artikolu 66***Evalwazzjoni tal-ħiliet tas-servizzi tekniċi**

1. L-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tfassal rapport ta' evalwazzjoni li juri li s-servizz tekniku kandidat ġie evalwat għall-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Dan ir-rapport jista' jinkludi ċertifikat ta' akkreditament maħruġ minn korp ta' akkreditament.

2. L-evalwazzjoni li fuqha r-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 huwa bbażat, għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet stipulati fatt delegat adottat skont l-Artikolu 65. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi rivedut tal-anqas darba kull tliet snin.

3. Ir-rapport tal-evalwazzjoni għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni fuq talba. F'każijiet bħal dan, u meta l-evalwazzjoni ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat tal-akkreditament maħruġ minn korp tal-akkreditament nazzjonali li s-servizz tekniku jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tippovdi lill-Kummissjoni l-evidenza dokumentarja li tattesta l-kompetenza tas-servizz tekniku u l-arranġamenti fis-seħħ biex ikun żgurat li s-servizz tekniku jiġi mmonitorjat regolarment mill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.

L-awtorità tal-approvazzjoni tal-ħatra li biħsiebha taġixxi bħala servizz tekniku bi qbil mal-Artikolu 63(2) għandha tiddokumenta l-konformità permezz ta' evalwazzjoni mwettqa minn awdituri indipendenti mill-attività li tkun qed tiġi evalwata. Dawn l-awdituri jistgħu jkunu mill-istess organizzazzjoni sakemm ikunu ġestiti b'mod separat mill-persunal li jwettaq l-attività evalwata.

4. Servizz tekniku intern akkreditat għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 67***Proċeduri għan-notifika**

1. L-Istati Membri għandhom jinfirmaw lill-Kummissjoni bl-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, il-persuni responsabbli u l-kategorija ta' attivitajiet fir-rigward ta' kull servizz tekniku li jkunu ħatru, kif ukoll kull modifika sussegwenti li ssir lil dawk il-ħatriet. In-notifika għandha tgħid għal liema mis-suġġetti elenkati fl-Anness II ġew maħtura s-servizzi tekniċi.

2. Servizz tekniku jista' jwettaq l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 63(1) fisem l-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip biss jekk ikun ġie nnotifikat minn qabel lill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-istess servizz tekniku jista' jinħatar minn bosta awtoritajiet ta' approvazzjoni tal-ħatra u jiġi nnotifikat mill-Istati Membri ta' dawn l-awtoritajiet ta' approvazzjoni tal-ħatra, irrispettivament mill-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li se jwettaq skont l-Artikolu 63(1).

4. Il-Kummissjoni għandha tiġi notifikata bi kwalunkwe bidla sussegwenti rilevanti għall-ħatra.

5. Meta jehntieg tiġi magħżula organizzazzjoni speċifika jew korp kompetenti li jwettaq attività li mhix inkluża ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 63(1) b'applikazzjoni ta' att elenkat fl-Anness II, in-notifika għandha ssir skont dan l-Artikolu.

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista u dettalji tas-servizzi tekniċi notifikati skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 68***Tibdil fil-ħatriet**

1. Fejn awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tkun aċċertat ruħha jew tkun ġiet mgħarrfa li servizz tekniku maħtur minnha ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew li jkun qed jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tillimita, tissospendi jew tirtira l-ħatra skont il-każ, skont kemm ikun gravi n-nuqqas li jintlaħqu dawk ir-rekwiżiti jew li jkunu ssodisfati dawk l-obbligi. L-Istat Membru li jkun innotifika dan is-servizz tekniku għandha minnufih tinforma lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha tibdel l-informazzjoni ppubblikata li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 67(6) skont dan.

2. Fil-każ li tiġi ristretta, sospiża jew irtirata l-ħatra, jew fejn is-servizz tekniku ma jkunx għadu attiv, l-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-fajls ta' dak is-servizz tekniku jiġu pproċessati minn servizz tekniku ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra jew għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fuq talba tagħhom.

*Artikolu 69***Sfida għall-kompetenza tas-servizzi tekniċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju jew issir taf b'dubju rigward il-kompetenza ta' servizz tekniku jew rigward il-kapaċità ta' servizz tekniku li jkompli jissodisfa r-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun suġġett.

2. L-Istat Membru tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra għandu jippreżenta lill-Kummissjoni, fuq talba, l-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għall-ħatra jew mal-issuktar tal-ħatra tas-servizz tekniku kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba fl-andament tal-investigazzjonijiet tagħha tiġi trattata b'mod kunfidenzjali.

4. Meta l-Kummissjoni taċċerta li entità notifikata ma tisso-disfax, jew ma għadhiex tissodisfa, ir-rekwiżiti għall-ħatra tagħha, għandha tgħarraf lill-Istat Membru tal-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra b'dan, bil-għan li tistabbilixxi – f'kooperazzjoni ma' dak l-Istat Membru, il-miżuri korrettivi meħtieġa, u għandha titlob lil dak l-Istat Membru biex jimplementa dawk il-miżuri korrettivi neċessarji, inkluża l-irtirar tal-ħatra, jekk ikun meħtieġ.

Artikolu 70

Obbligi operazzjonali tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu l-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom inħatru fisem l-awtorità ta; approvazzjoni tal-ħatra u skont il-proċeduri tal-evalwazzjoni u tal-ittestjar provduti f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness II.

Is-servizzi tekniċi għandhom jissorveljaw jew għandhom jagħmlu huma stess it-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni jew l-ispezzjonijiet kif stipulat f'dan ir-Regolament jew f'wieħed mill-atti elenkati fl-Anness II, ħlief fejn huma permessi proċeduri alternattivi. Is-servizzi tekniċi m'għandhomx iwettqu testijiet, evalwazzjonijiet jew spezzjonijiet li ma jkunux inħatru għalihom debitament mill-awtorità ta' approvazzjoni tagħhom.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom f'kull waqt:

- (a) iħallu lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tagħhom tattesta lis-servizz tekniku waqt l-evalwazzjoni tal-konformità skont ma jkun f'loku; kif ukoll
- (b) bla preġudizzju għall-Artikolu 61(9) u l-Artikolu 71, jagħtu lill-awtorità ta' approvazzjoni ta' ħatra tagħhom dik l-informazzjoni dwar il-kategoriji tal-attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament li tista' tintalab.

3. Meta servizz tekniku jsib li r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament ma ġewx sodisfatti minn manifattur, għandu jirraporta dan lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra sabiex din tal-aħħar tobligha lill-manifattur jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u sussegwentement ma toħroġx ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip sakemm il-miżuri korrettivi ma jkunux ittieħdu għas-sodisfazzjoni tal-awtorità ta' approvazzjoni.

4. Meta, fl-andament tas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni wara l-ħruġ ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, servizz tekniku li jkun qed jaġixxi fisem l-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra jsib li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata ma għadhiex tikkonforma ma' dan ir-Regolament, għandu jirraporta dan lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra. L-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip għandha tieħu l-miżuri xierqa stipulati fl-Artikolu 33.

Artikolu 71

Obbligi ta' informazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jinfurmaw lill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tagħhom b'dan li ġej:

- (a) kull nuqqas ta' konformità li ltaqgħu miegħu u li jista' jirrikjedi rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;
- (b) kwalunkwe ċirkustanza li għandha effett fuq l-ambitu u l-kundizzjonijiet għall-ħatra tagħhom;
- (c) kwalunkwe talba għall-informazzjoni li rċevew minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward l-attivitajiet tagħhom.

2. Fuq talba mill-awtorità ta' approvazzjoni tal-ħatra tagħhom, is-servizzi tekniċi għandhom jagħtu informazzjoni dwar l-attivitajiet fl-ambitu tal-ħatra tagħhom u dwar kull attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transkonfinali u ta' subappalt.

KAPITOLU XVII

ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI U ATTI DELEGATI

Artikolu 72

Atti ta' implimentazzjoni

Għall-finijiet tal-ilħiq tal-oġettiv ta' dan ir-Regolament u sabiex tistabilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 73(2), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-miżuri implimentattivi li ġejjin:

- (a) il-mudell tad-dikjarazzjoni tal-manifattur rigward id-duratura tas-sistemi kritiċi tas-sikurezza funzjonali, tal-partijiet u tat-tagħmir imsemmija fl-Artikolu 22(7);
- (b) il-mudelli għad-dokument ta' informazzjoni u għall-fajl tal-informazzjoni imsemmija fl-Artikolu 27(4);
- (c) is-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fl-Artikolu 29(4);
- (d) il-mudell għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmi fl-Artikolu 30(2);
- (e) il-mudell għall-folja tar-riżultat tat-test mehmuż maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmi fl-Artikolu 30(3);
- (f) il-mudell tal-lista ta' rekwiżiti jew atti applikabbli msemmija fl-Artikolu 30(6);
- (g) ir-rekwiżiti ġenerali għall-format tar-rapport tat-test imsemmi fl-Artikolu 32(1);

- (h) il-mudell għaċ-ċertifikat tal-konformità msemmi fl-Artikolu 38(2);
- (i) il-mudell għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fl-Artikolu 39(3);
- (j) l-awtorizzazzjonijiet għall-għoti ta' approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li jeżentaw teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda msemmija fl-Artikolu 40(3);
- (k) il-mudelli għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip u għaċ-ċertifikat ta' konformità fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda msemmija fl-Artikolu 40(4);
- (l) l-awtorizzazzjonijiet lil Stati Membri biex jestendu l-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 41(2);
- (m) il-lista ta' partijiet u tagħmir imsemmija fl-Artikolu 50(2);
- (n) il-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 51(3) kif ukoll l-aspetti kollha marbuta mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu;
- (o) il-mudell għaċ-ċertifikat li jipprovi prova tal-konformità lill-awtorità ta' approvazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 57(8).
- (i) l-Anness II(B) u (C) fir-rigward tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali tas-sikurezza funzjonali u tal-kostruzzjoni tal-vetturi għas-subkategorija L7e-A kwadriċikli tqal tat-triq;
- (ii) l-Annessi II u V biex tintroduċi referenzi u corrigenda ta' atti regolatorji;
- (iii) l-Anness V (B) biex tbiddel il-karburanti ta' referenza applikabbli;
- (iv) l-Anness VI (C) u (D) biex tqis ir-riżultati tal-istudju msemmi fl-Artikolu 23(4) u l-adozzjoni ta' regolament tal-UNECE.

Artikolu 75

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 18(3), l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 22(5) u (6), l-Artikolu 23(6) u (12), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 32(6), l-Artikolu 33(6), l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 54(3), l-Artikolu 57(12), l-Artikolu 65 u l-Artikolu 74 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn 22 ta' Marzu 2013.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18(3), l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 22(5) u (6), l-Artikolu 23(6) u (12), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 32(6), l-Artikolu 33(6), l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 54(3), l-Artikolu 57(12), l-Artikolu 65 u l-Artikolu 74 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan, simultanjament, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(3), l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 22(5) u (6), l-Artikolu 23(6) u (12), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(8), l-Artikolu 32(6), l-Artikolu 33(6), l-Artikolu 50(4), l-Artikolu 54(3), l-Artikolu 57(12), l-Artikolu 65 u l-Artikolu 74 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun gietespressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 73

Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Tekniku – Vetturi Motorizzati stabbilit bl-Artikolu 40 tad-Direttiva 2007/46/KE. Dak il-kumitat huwa kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 74

Emendar tal-Annessi

Bla preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament relatati mal-emendar tal-Annessi tiegħu, il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 75, rigward emendi ta':

KAPITOLU XVIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 76

Sanzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiddisponu sanzjonijiet għall-ksur min-naħa tal-operaturi ekonomiċi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament. Għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li s-sanzjonijiet kollha jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u disważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sat-23 ta' Marzu 2015 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwawhom.

2. It-tipi ta' ksur li huma suġġetti għal sanzjoni għandhom jinkludu:

- (a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri tal-approvazzjoni jew il-proċeduri li jwasslu għal revoka;
- (b) falsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni tat-tip;
- (c) il-ħabi ta' data jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għal revoka, rifjut jew irtirar tal-approvazzjoni tat-tip;
- (d) l-użu ta' tagħmir ta' invalidazzjoni;
- (e) rifjut tal-għaoti ta' aċċess għall-informazzjoni;
- (f) li operaturi ekonomiċi jqiegħdu għad-disponibilità fis-suq vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għall-approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni jew li operaturi ekonomiċi jiffalsifikaw dokumenti u mmarker b'dik l-intenzjoni.

Artikolu 77

Dispożizzjonijiet transitorji

1. Bla preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament ma għandux jinvalida l-approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija lil vetturi jew lil sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel l-1 ta' Jannar 2016.

2. Għajr fejn ikun dispot mod ieħor, l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE mogħtija lil vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati taħt l-atti msemmija taħt l-Artikolu 81(1) għandhom jibqgħu validi sad-data speċifikata fl-Anness IV għat-tipi ta' vetturi eżistenti.

3. B'deroga minn dan ir-Regolament, tipi ta' vetturi ġodda tal-kategoriji L1e, L2e u L6e jew sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ġodda maħsuba għal tali tipi ta' vetturi għandhom jibqgħu jingħataw approvazzjoni tat-tip taħt id-Direttiva 2002/24/KE sal-31 ta' Diċembru 2016.

4. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom ikompli jagħtu estensjoni tal-approvazzjonijiet għall-vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati msemmija fil-paragrafu 1 skont id-Direttiva 2002/24/KE u kull waħda mid-direttivi elenkati fl-Artikolu 81(1). Madankollu, tali approvazzjonijiet m'għandhomx jintużaw għall-finijiet tal-ksib ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa taħt dan ir-Regolament.

5. B'deroga mid-Direttiva 2002/24/KE, l-approvazzjoni tat-tip għandha tingħata wkoll għal vetturi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament dwar rekwiżiti ambjentali u tal-propulsjoni kif imsemmi fl-Anness II (A) sal-31 ta' Diċembru 2015.

L-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi li jikkonformaw mat-tip approvat.

Artikolu 78

Rapport

1. Sal-31 ta' Diċembru 2020, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Abbażi tal-informazzjoni fornita fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament Sal-31 ta' Diċembru 2021. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jikkun sidra jekk, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ikunx f'loku li jsir provvediment fil-Kapitolu X wkoll għall-approvazzjoni tat-tip ta' serja żgħira. Jekk tqis li dan ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta b'dan l-effett.

Artikolu 79

Reviżjoni dwar sistemi ta' bbrejkjar avvanzati

1. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Dan ir-rapport għandu jeżamina l-immuntar obligatorju ta' sistema ta' brejkijiet anti-lock u sistema ta' brejkijiet kombinata supplimentari fuq għażla tal-manifattur għall-muturi tas-subkategorija L3e-A1. Għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-fattibilità tekniċa ta' rekwiżit tali, analiżi tal-kosteffikaċja, analiżi tal-inċidenti tat-triq u konsultazzjoni ta' persuni interessati rilevanti. Barra minn hekk għandu jqis standards Ewropej u internazzjonali relatati eżistenti.

3. Għall-finijiet tar-rapport previst fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdur lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2017 statistika dwar l-aċċidenti tat-triq tal-muturi kkonċernati għall-erba' snin preċedenti li jkun bbażati fuq il-klassifikazzjoni tal-vetturi kif stabbilita fl-Anness I u t-tip ta' sistema ta' bbrejkjar avvanzata mmuntata.

4. Abbażi tar-riżultati tar-rapport, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tressaq proposta leġiżlattiva dwar l-immuntar obbligatorju ta' sistema ta' bbrejkar avvanzata fis-subkategoriji ta' vetturi inkwestjoni.

Artikolu 80

Reviżjoni dwar approvazzjonijiet individwali ta' vetturi

1. Sal-31 ta' Diċembru 2022 il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-suġġetti msemmija fil-paragrafu 3.
2. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti, u għandu jkollha l-istandards Ewropej u internazzjonali eżistenti.
3. Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar:
 - (a) l-għadd ta' approvazzjonijiet individwali mogħtija għal kull sena għal vetturi tal-kategorija L qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2016;
 - (b) il-kriterji nazzjonali li fuqhom kienu bbażati dawn l-approvazzjonijiet safejn dawn il-kriterji ddevjaw mir-rekwiżiti obbligatorji għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE.
4. Fejn ikun f'flok, mar-rapport għandu jkun hemm proposti leġiżlattivi, u r-rapport għandu jeżamina l-inklużjoni fir-Regolament ta' approvazzjonijiet individwali abbażi ta' rekwiżiti armonizzati.

Artikolu 81

Revoka

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu 77 ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2002/24/KE kif ukoll id-Direttivi 93/14/KEE, 93/30/KEE, 93/33/KEE, 93/93/KEE, 95/1/KE, 97/24/KE, 2000/7/KE, 2002/51/KE, 2009/62/KE, 2009/67/KE, 2009/78/KE, 2009/79/KE, 2009/80/KE u 2009/139/KE għandhom jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.
2. Ir-referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u, fir-rigward tad-Direttiva 2002/24/KE, għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 82

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Mit 22 ta' Marzu 2013, l-awtoritajiet nazzjonali m'għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' vettura ġdida fejn il-vettura kkonċernata tikkonforma ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati u atti ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, jekk manifattur jitlob dan.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, il-15 ta' Jannar 2013.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
M. SCHULZ

Għall-Kunsill
Il-President
L. CREIGHTON

WERREJ

- ANNEX I — Klassifikazzjoni ta' vetturi
- ANNEX II — Lista eżawrjenti tar-rekwiżiti għall-iskopijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-UE
- ANNEX III — Limiti għal serje żgħira
- ANNEX IV — Skeda ta' żmien għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip
- ANNEX V (A) — Testijiet u rekwiżiti ambjentali
- ANNEX V (B) — Applikazzjoni tar-rekwiżiti għat-test tar-rendiment ambjentali għall-approvazzjoni u għall-estensjoni
- ANNEX VI — Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu, limiti tal-OBD u valuri ta' limitu għal-livell tal-ħoss għall-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni
- (A) Limiti tal-emissjonijiet mill-egżost wara li jinxtegħel kiesaħ
- (B) Limiti fuq l-emissjonijiet tas-sistema dijanjostika abbord
- (C) Limiti fuq l-emissjonijiet tal-evaporazzjoni
- (D) Limiti tal-livell tal-ħoss — Euro 4 u Euro 5
- ANNEX VII — Durabilità tat-tagħmir li jikkontrolla t-tniġġis
- ANNEX VIII — Rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali mtejba
- ANNEX IX — Tabella ta' korrelazzjoni
-

ANNEX I

Klassifikazzjoni ta' vetturi

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L1e-L7e	Il-vetturi kollha tal-kategorija L	(1) tul \leq 4 000 mm jew \leq 3 000 mm għal vettura L6e-B, jew \leq 3 700 mm għal vettura L7e-C, u (2) wisa' \leq 2 000 mm, jew 1 000 mm għal vettura L1e, jew \leq 1 500 mm għal vettura L6e-B jew vettura L7e-C u (3) għoli \leq 2 500 mm u
Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L1e	Vettura motorizzata b'żewġ roti ħafifa	(4) żewġ roti u motorizzata bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u (5) kapaċità tal-magna \leq 50 cm ³ jekk magna tal-kombustjoni interna PI tkun parti mill-konfigurazzjoni tal-propulsjoni tal-vettura u (6) l-ogħla veloċità tad-disinn tal-vettura \leq 45 km/h u (7) il-potenza nominali kontinwa massima ⁽¹⁾ \leq 4 000 kW u (8) massa massima= massa teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur u
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L1e-A	Rota motorizzata	(9) roti ddisinjati għall-qdif bil-pedali mgħammra bi propulsjoni awżiljarja bl-għan primarju li tassisti l-qdif bil-pedali u (10) il-produzzjoni tal-propulsjoni awżiljarja tiegħa malli l-vettura tilħaq veloċità ta' \leq 25 km/h u (11) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ \leq 1 000 W u (12) roti motorizzati bi tliet jew erba' roti li jikkonformaw mal-kriterji supplimentari speċifiċi (9) sa (11) tas-subklassifikazzjoni huma klassifikati bħal teknikament ekwivalenti għal vettura L1e-A b'żewġ roti.
L1e-B	Moped b'żewġ roti	(9) kwalunkwe vettura oħra tal-kategorija L1e li ma tistax tiġi klassifikata skont il-kriterji (9) sa (12) ta' vettura L1e-A.

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L2e	Moped bi tliet roti	<p>(4) tliet roti u motorizzat bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u</p> <p>(5) kapaċità tal-magna $\leq 50 \text{ cm}^3$ jekk magna tal-kombustjoni interna PI jew kapaċità tal-magna $\leq 500 \text{ cm}^3$ jekk magna tal-kombustjoni CI tkun parti mill-konfigurazzjoni tal-propulsjoni tal-vettura u</p> <p>(6) l-ogħla veloċità tad-disinn tal-vettura tkun $\leq 45 \text{ km/h}$ u</p> <p>(7) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ $\leq 4\,000 \text{ W}$ u</p> <p>(8) massa fl-istat operattiv $\leq 270 \text{ kg}$ u</p> <p>(9) mgħammar b'massimu ta' żewġ postijiet bilqiegħda, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u</p>
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L2e-P	Moped bi tliet roti għall-ġarr tal-passiġġieri	(10) vettura L2e għajr dawk li jikkonformaw mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L2e-U.
L2e-U	Moped bi tliet roti għal skopijiet utilitarji	<p>(10) iddisinjati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bi spazju tat-tagħbija miftuħ jew magħluq, prattikament ċatt u orizzontali li jissodisfa l-kriterji li ġejjin:</p> <p>(a) $t_{\text{ispazju tat-tagħbija}} \times w_{\text{ispazju tat-tagħbija}} \geq 0,3 \times t_{\text{vettura}} \times w_{\text{massimu, vettura}}$ or</p> <p>(b) erja ekwivalenti tal-ispazju tat-tagħbija kif definit hawn fuq użat għall-installazzjoni ta' magni u/jew tagħmir.u</p> <p>(c) ddisinjat b'erja tal-ispazju tat-tagħbija li hija separata b'mod ċar permezz ta' partizzjoni riġida mill-erja rriservata għall-okkupanti tal-vettura u</p> <p>(d) l-ispazju tat-tagħbija għandu jkun jista' jgħorr volum minimu rappreżentat minn kubu ta' 600 mm.</p>

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L3e ⁽²⁾	Muturi b'żewġ roti	(4) żewġ roti u motorizzat bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u (5) massa massima= massa teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur u (6) vetturi b'żewġ roti li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala kategorija L1e.
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni:
L3e-A1	Mutur b'rendiment baxx	(7) kapaċità tal-magna $\leq 125 \text{ cm}^3$ u (8) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ $\leq 11 \text{ kW}$ u (9) proporzjon tal-potenza ⁽¹⁾ / ρ $\leq 0,1 \text{ kW/kg}$.
L3e-A2	Mutur b'rendiment medju	(7) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ $\leq 35 \text{ kW}$ u (8) proporzjon tal-potenza ⁽¹⁾ / ρ $\leq 0,2 \text{ kW/kg}$ u (9) mhux derivat minn vettura mgħammra b'magna ta' iktar mid-doppju tal-potenza tiegħu ⁽¹⁾ .u (10) vettura L3e li ma tistax tiġi kklassifikata taħt kriterji supplimentari tal-klassifikazzjoni (7), (8) u (9) ta' vettura L3e-A1.
L3e-A3	Mutur b'rendiment għoli	(7) kull vettura oħra L3e li ma tistax tiġi kklassifikata skont il-kriterji tal-klassifikazzjoni ta' vettura L3e-A1 jew L3e-A2.

Subsubkategoriji	Isem is-subsubkategorija	Kriterji tas-subsubklassifikazzjoni b'żieda mal-kriterji ta' subklassifikazzjoni ta' vetturi L3e-A1, L3e-A2 jew L3e-A3
L3e-AxE (x=1, 2 jew 3)	Muturi Enduro	(a) għoli tas-sedil ≥ 900 mm u (b) għoli mill-art >310 mm u (c) proporzjon tal-ger ġenerali fl-ogħla ger (proporzjon tal-ger primarju x proporzjon tal-ger sekondarju fl-ogħla veloċità x proporzjon finali tas-sewqan) ta' $\geq 6,0$ u (d) massa fl-istat operattiv miżjud mal-massa tal-batterija ta' propulsjoni fil-każ ta' propulsjoni elettrika jew ibrida < 140 kg u (e) l-ebda post bilqiegħda għal passiġġier.
L3e-AxT (x=1, 2 jew 3)	Mutur Trial	(a) għoli tas-sedil ≤ 700 mm u (b) għoli mill-art ≥ 280 mm u (c) kapaċità tat-tank tal-fjuwil < 4 litri u (d) proporzjon tal-ger ġenerali fl-ogħla ger (proporzjon tal-ger primarju x proporzjon tal-ger sekondarju fl-ogħla veloċità x proporzjon finali tas-sewqan) ta' $\geq 7,5$ u (e) massa fl-istat operattiv < 100 kg u (f) l-ebda post bilqiegħda għal passiġġier.

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L4e	Mutur b'żewġ roti bis-side-ċar	(4) vettura bażi motorizzata li tikkonforma mal-kriterji tal-klassifikazzjoni u tas-subklassifikazzjoni għal vettura L3e u (5) vettura bażi motorizzata mġhamra b'side-ċar waħda u. (6) b'massimu ta' erba' postijiet bilqiegħda, inkluż il-post tas-sewwieq fuq il-mutur b'side-ċar u (7) b'massimu ta' żewġ postijiet bilqiegħda għall-passiġġieri fis-side-ċar u (8) massa massima= massa teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur.

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L5e	Triċiklu motorizzat	(4) tliet roti u motorizzat bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u (5) massa fl-istat operattiv $\leq 1\,000$ kg u (6) vettura bi tliet roti li tistax tiġi kklassifikata bħala vettura L2e u
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L5e-A	Triċiklu	(7) vettura L5e għajr dawk konformi mal-kriterji speċifiċi tal-klassifikazzjoni għal vettura L5e-B u (8) b'massimu ta' ħames postijiet bilqiegħda, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq.
L5e-B	Triċiklu kummerċjali	(7) iddisinjata bħala vettura utilitarja u kkaratterizzata minn kompartiment magħluq għas-sewwieq u l-passiġġieri aċċessibbli b'massimu ta' tliet iġnub u (8) mgħammra b'massimu ta' 2 postijiet bilqiegħda, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u (9) iddisinjata esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bi spazju għat-tagħbija miftuħ jew magħluq, prattikament ċatt u orizzontali li jissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin: (a) $t_{\text{loading bed}} \times w_{\text{loading bed}} \geq 0,3 \times T_{\text{vettura}} \times W_{\text{vettura}}$ jew (b) spazju għat-tagħbija ekwivalenti kif definit fuq użat għall-installazzjoni ta' magni u/jew tagħmir u (c) iddisinjati b'erja tal-ispazju tat-tagħbija li hija separata b' mod ċar permezz ta' partizzjoni riġida mill-erja rriservata għall-okkupanti tal-vettura u (d) l-ispazju tat-tagħbija għandu jkun jista' jgħorr volum minimu rappreżentat minn kubu ta' 600 mm.

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L6e	Kwadriċiklu ħafif	(4) erba' roti u motorizzati bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u (5) l-ogħla veloċità tad-disinn tal-vettura ≤ 45 km/h u (6) il-massa fl-istat operattiv ≤ 425 kg u, (7) kapaċità tal-magna ≤ 50 cm ³ jekk magna PI jew kapaċità tal-magna ≤ 500 cm ³ jekk magna CI tkun parti mill-konfigurazzjoni tal-propulsjoni tal-vettura u (8) mgħammra b'massimu ta' 2 postijiet bilqiegħda, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L6e-A	Quad għat-triq ħafif	(9) vettura L6e li mhux konformi mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L6e-B u (10) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ ≤ 4 000 W.
L6e-B	Kwadrimobbli ħafif	(9) kompartiment magħluq għas-sewwieq u l-passiġġieri aċċessibbli b'massimu ta' tlitt iġnub u (10) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ ≤ 6 000 kW u
Subsubkategoriji	Isem is-subsubkategorija	Kriterji ta' klassifikazzjoni tas-subsubkategorija b'żieda mal-kriterji ta' subklassifikazzjoni ta' vettura L6e-B
L6e-BP	Kwadrimobbli għall-ġarr tal-passiġġieri ħafif	(11) vettura L6e-B primarjamwent iddisinjata għall-ġarr tal-passiġġieri u (12) vettura L6e-B għajr dawk li jikkonformaw mal-kriteju speċifiku ta' klassifikazzjoni għal vettura L6e-BU.
L6e-BU	Kwadrimobbli għal skopijiet utilitarji ħafif	(11) iddisinjati esklussivament għall-ġarr ta' oġġetti bi spazju għat-tagħbija miftuħ jew magħluq, bi spezju għat-tagħbija prattikament ċatt u orizzontali li jissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin: (a) $t_{loading\ bed} \times w_{loading\ bed} \geq 0,3 \times T_{vettura} \times W_{vettura}$ jew (b) spazju għat-tagħbija ekwivalenti kif definit fuq għall-installazzjoni ta' magni u/jew tagħmir u (c) iddisinjati b'erja tal-isparzju tat-tagħbija li hija separata b'mod ċar permezz ta' partizzjoni riġida mill-erja rriservata għall-okkupanti tal-vettura u (d) l-isparzju tat-tagħbija għandu jkun jista' jgħorr volum minimu rappreżentat minn kubu ta' 600 mm.

Kategorija	Isem il-kategorija	Kriterji komuni tal-klassifikazzjoni
L7e	Kwadriċiklu tqil	(4) erba' roti u motorizzat bil-propulsjoni kif elenkat fl-Artikolu 4(3) u (5) massa fl-istat operattiv: (a) ≤ 450 kg għall-ġarr tal-passiġġieri; (b) ≤ 600 kg għall-ġarr tal-oġġetti. kif ukoll (6) vettura L7e li ma tistax tiġi kklassifikata bħala vettura L6e u
Subkategoriji	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni:
L7e-A	Quad għat-triq tqil	(7) vettura L7e li ma tikkonformax mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L7e-B jew L7e-C u (8) vettura ddisinjata għall-ġarr tal-passiġġieri biss u (9) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ ≤ 15 kW u
Subsubkategoriji	Subsubkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L7e-A1	Quad tqil A1 tat-triq	(10) massimu ta' 2 postijiet bilqiegħda rekbin b'riġel kull ġenb, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u (11) steering permezz ta' manubriju
L7e-A2	Quad tqil A2 tat-triq	(10) vettura L7e-A li ma tikkonformax mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L7e-A1 u (11) massimu ta' 2 postijiet bilqiegħda mhux rekbin b'riġel kull ġenb, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq.
Subkategorija	Isem is-subkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni:
L7e-B	Quad tqil għal kull tip ta' terren	(7) vettura L7e li ma tikkonformax mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L7e-C u (8) għoli mill-art ≥ 180 mm u
Subsubkategoriji	Isem is-subsubkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L7e-B1	Quad għal kull tip ta' terren	(9) massimu ta' 2 postijiet bilqiegħda rekbin b'riġel kull ġenb, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u (10) steering permezz ta' manubriju u (11) l-ogħla veloċità tad-disinn tal-vettura ≤ 90 km/h u (12) proporzjon tal-bażi tar-rota għall-għoli mill-art <6 .
L7e-B2	Buggy ġenb ma' ġenb	(9) vettura tal-kategorija L7eB għajr vettura L7e-B1 u (10) massimu ta' tliet postijiet bilqiegħda li minnhom tnejn ikunu pozzizzjonati ġenb ma' ġenb, inkluż il-post bilqiegħda tas-sewwieq u (11) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ ≤ 15 kW u (12) proporzjon tal-bażi tar-rota għall-għoli mill-art <8

Subsubkategoriji	Isem is-subsubkategorija	Kriterji supplimentari tas-subklassifikazzjoni
L7e-C	Kwadrimobbli tqil	(7) vettura L7e li ma tikkonformax mal-kriterji speċifiċi ta' klassifikazzjoni għal vettura L7e-B u (8) potenza nominali kontinwa massima jew netta ⁽¹⁾ ≤ 15 kW u (9) l-ogħla veloċità ta' disinn tal-vettura ≤ 90 km/h u (10) kompartiment magħluq għas-sewwieq u l-passiġġieri aċċessibbli b'massimu ta' tlitt iġnub u
